## Subsezzjoni 6
## Il-Bank Ċentrali Ewropew

### ARTIKOLU III-382

**1. Il-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun kompost mill-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ta’ l-Istati Membri li m'għandhomx deroga kif previst fl-Artikolu III-197.**

**2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun kompost mill-President, mill-Viċi-President u minn erba’ membri oħra.**

**Il-President, il-Viċi-President u l-membri l-oħra tal-Bord Ezekuttiv għandhom jinħatru mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b’maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew, minn fost persuni li r-reputazzjoni u l-esperjenza professjonali fil-qasam monetarju jew bankarju huma rikonoxxuti.**

**Il-mandat tagħhom għandu jkun għal tmien snin u ma jistax jiġġedded.**

**Ċittadini ta' l-Istati Membri biss jistgħu jkunu membri tal-Bord Eżekuttiv.**

**<u>Stat Biss Ikollu Bank Ċentrali</u>**

L-ewwel ma rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa li l-fatt li l-Unjoni Ewropea ghandha Bank Ċentrali jfisser li hija diġa’ hija Stat Federali għaliex huwa biss Stat, kemm federali jew le, li jkollu Bank Ċentrali.

Qegħdin taraw kif il-pjani li kellhom il-federalisti li jwaqqfu Stat federali bħala l-Istati Uniti ta’ l-Ewropa qegħdin jitwettqu wieħed wara l-ieħor pass wara pass wara pass?

Dan huwa Artikolu dwar kif għandhom ikunu magħmula l-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew, jew aħjar ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea, u l-Bord Esekuttiv tiegħu, kif ukoll min jistgħu jkunu l-membri tagħhom u kemm idumu fil-ħatra tagħhom.

### ARTIKOLU III-383

**1. Il-President tal-Kunsill u membru tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw, mingħajr ma jkollhom id-dritt għall-vot, f’laqgħat tal-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**Il-President tal-Kunsill jista’ jissottometti mozzjoni għad-deliberazzjoni lill-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**Il-Bank Ċentrali Ewropew bl-Indħil**

Innutaw kif waqt li l-Banek Ċentrali ta' kull pajjiż iridu jkunu indipendenti minn kull indħil mill-awtoritajiet tal-pajjiż, jew f'dan il-każ ta' l-Istati Membri, il-President tal-Kunsill u membru tal-Kummissjoni jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Qegħdin taraw kif dak li jgħodd għall-pajjiżi kollha tad-dinja u mhux biss għall-Istati Membri ma jgħoddx għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Qegħdin taraw kif isir l-indħil, għaliex il-fatt li l-President tal-Kunsill u l-membru tal-Kummissjoni m'għandhomx vot ma jfisser xejn għaliex xorta jistgħu jinfluwenzaw kull deċiżjoni li tkun sejra tittieħed?

Tant dan huwa minnhu, li kif jingħad fit-tieni paragrafu ta' dan is-subartikolu, il-President tal-Kunsill jista' jissottometti mozzjoni biex tiġi diskussa mill-Kunsill tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Hawnhekk infakkru li bil-Malti tajjeb ma ngħidux "**jipparteċipaw**", imma "**jieħdu sehem**".

**Il-President Mistieden**

**2. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun mistieden jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill meta jkun qed jiddiskuti materji li jirrelataw għall-miri u d-dmirijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.**

Hekk jixraq, mhux hekk? Ħokkli darhi u nħokklok dahrek. Madankollu, innutaw li dan ikun mistieden biss meta jkunu qegħdin jiddiskutu l-miri u d-dmirijiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, mhux għal-laqgħat kollha.

**Rapport Annwali**

**3. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jibgħat rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u dwar il-politika monetarja kemm tas-sena preċedenti kif ukoll dik kurrenti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, li jista' jkollu dibattitu ġenerali fuq dik il-bażi, u lill-Kunsill.**

**Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess, jinstemgħu mill-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew.**

Dan huwa wieħed mid-dmirijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew biex forsi jinżamm xi forma ta' kontroll dwar il-ħidma tiegħu. Madankollu, xorta waħda jkun hemm l-indħil meta suppost kull bank ċentrali ma jkollux indħil fl-ħidma tiegħu.

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li meta' jridu t-tradutturi jafu kif għandhom jaqilbu sewwa għall-ilsien Malti, għaliex waqt li f'Artiklu oħra qalu, bħala

eżempju, "**fuq inizjattiva proprja**", hawnhekk kitbu kif suppost ngħidu u niktbu bil-Malti tajjeb fejn qalu "**fuq l-inizjattiva tagħhom stess**".

Din hija l-inkonsistenza, biex ma ngħidux traskuraġni jew nuqqas ta' ħila, ta' dawk li tħallsu u qegħdin jitħallsu eluf kbar mit-taxxi tagħna biex jaqilbu kollox għall-ilsien Malti.

**Il-Qorti ta' l-Awdituri**

**ARTIKOLU III-384**

**1. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-ħruġ kollu ta' l-Unjoni. Għandha wkoll teżamina l-kontijiet tad-dħul u l-ħruġ kollu ta' kwalunkwe korp jew aġenzija stabbilita mill-Unjoni sa fejn l-istrument li jistabbilixxi tali korp jew aġenzija ma jippreskludix dan l-eżami.**

**Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilita' tal-kontijiet u l-legalita' u r-regolarita' ta' l-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, li għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi supplimentata bi stimi speċifiċi għal kull qasam maġġuri ta' l-attivita' ta' l-Unjoni.**

**<u>Il-Qorti Ilha Snin ma Tapprova l-Kontijiet tal-Kummissjoni</u>**

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li l-Qorti ta' l-Awdituri qisha l-Awditur tal-Gvern li jeżamina l-kontijiet tal-Gvern, imma f'dan il-każ il-Qorti ta' l-Awdituri teżamina l-kontijiet kollha ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb ukoll li nfakkru li l-Qorti ta' l-Awdituri ilha madwar għaxar snin ma taċċetta u tapprova l-kontijiet tal-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li mijiet ta' miljuni ta' liri ma jinstabx fejn marru kull sena.

Sempliċiment isibu ruħhom fil-bir tas-skieken u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri mfarrka taħt il-piż tat-taxxi li jħallsu.

Anki awdituri li kellha l-istess Kummissjoni kixfu kif hemm nuqqasijiet kbar dwar kif jiddaħħlu l-kontijiet fil-kotba, imma mhux talli ma tawx każ, talli ssospendew waħda minnhom u issa keċċewha, għalkemm sejra tibqa' tiġġieled, għaliex ġibdet l-attenzjoni għan-nuqqasijiet kbar li jeżistu fejn il-mijiet ta' miljuni miġbura mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jisparixxu kull sena.

Dik hija l-kontabilita' li jridu jimxu biha l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment il-Kummissjoni.

Tgħid fejn u fi bwiet min qegħdin imorru l-miljuni li jisparixxu?

Tgħid qegħdin jintużaw biex jiddistabbilizzaw xi pajjiżi?

Tgħid għal xi tiftix sigriet fuq armamenti sigrieti?

Min jaf?

**<u>Xogħol il-Qorti ta' l-Awdituri</u>**

**2. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżamina jekk id-dħul kollu ġiex riċevut u jekk il-ħruġ kollu sarx b'mod legali u regolari u jekk l-amministrazzjoni**

**finanzjarja kienitx korretta. B'hekk, għandha tirrapporta b'mod partikolari dwar każijiet ta' irregolarita'.**

**Il-verifika tad-dħul għandha titwettaq fuq bażi ta' l-ammonti stabbiliti bħala dovuti u l-ammonti fil-fatt imħallsa lill-Unjoni.**
**Il-verifika tal-ħruġ għandha ssir fuq bażi ta' l-impenji u tal-pagamenti magħmula.**

**Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu qabel l-egħluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja in kwistjoni.**

**3. Il-verifika għandha tkun ibbażata fuq reġistri u, jekk meħtieġ, titwettaq fuq il-post fl-istituzzjonijiet l-oħra, jew fl-istabbilimenti ta' kull korp jew aġenzija li jamministra d-dħul jew il-ħruġ għan-nom ta' l-Unjoni u fl-Istati Membri, inkluż l-istabbilimenti ta' kull persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-budget. Fl-Istati Membri il-verifika għandha titwettaq flimkien ma' korpi nazzjonali ta' verifika, jew jekk dawn ma jkollhomx il-poteri neċessarji, mad-dipartimenti nazzjonali kompetenti. Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-korpi nazzjonali tal-verifika ta' l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fi spirtu ta' fiduċja filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom. Dawn il-korpi jew dipartimenti għandhom jinfurmaw lill-Qorti ta' l-Awdituri jekk ikollhomx il-ħsieb li jieħdu parti fil-verifika.**

Dan huwa kif għandu jaħdem il-Qorti ta' l-Awdituri. Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni li hawnhekk il-Qorti ta' l-Awdituri qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa biex ir-rappreżentanti tagħha jkunu jistgħu jżuri u jiġbru l-provi kollha biex jaraw jekk kull min jirċievi xi forma ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea jkunx qiegħed jirċeviha u jamministraha kif suppost. Innutaw ukoll li l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri huma marbuta li jikkoperaw magħhom.

Hawnhekk nistgħu nġibu eżempju billi ngħidu li r-rappreżentanti tal-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu jiġi jispezzjonaw u jaraw l-informazzjoni kollha li jkollu l-awditur tal-Gvern biex jaraw li jkun qiegħed jivverifika kollox, inklużi kull għajnuna li Malta jew persuni hawn Malta jkunu qegħdin jirċievu mingħand l-Unjoni Ewropea.

Bl-istess mod, jistgħu jispezzjonaw u jivverifikaw kull agenzija u dipartiment tal-Gvern li jkun qiegħed jamministra xi fondi mogħtija mill-Unjoni Ewropea biex jaraw li kollox qiegħed isir sewwa u li qegħdin jinżamm rendikonti ta' kollox kif suppost, li normalment jinżammu għal għaxar snin wara li tkun ingħatat l-aħħar għajnuna.

Bl-istess mod, ir-rappreżentanti tal-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu jżuru, jispezzjonaw u jivverifikaw kull post ta' kull persuna li tkun qiegħda tirċievi xi forma ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, huma jistgħu jmorru f'kull razzett, għand kull bidwi u raħħal, għand kull sajjied u għand kull min jirċievi xi forma ta' għajnuna biex jaraw li jkun qiegħed jinżamm rendikont ta' kollox u li l-għajnuna tkun qiegħda tingħata kif suppost u qiegħda tintuża għall-għan li għalih tkun ingħatat.

Dan huwa tajjeb u kif suppost, imma dan qatt ma ntqal lill-bdiewa u lis-sajjieda tagħna u lil dawk kollha li dejjem ingħataw l-impressjoni li l-Unjoni Ewropea hija xi fabbrika tal-flus li kulħadd jista' jaħleb minnha mingħajr problemi ta' xejn.

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li meta taraw xi kartelluni daqshiex li jkunu qegħdin jgħidulkom li dak il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea jkunu qegħdin jigdbu, għaliex l-Unjoni Ewropea sempliċiment tkun qiegħda tagħtina lura ftit biss mill-flus li nagħtuha u fl-istess waqt tordnalna kif għandna nonfquhom.

Mhux biss, imma taħsbux li l-flus tagħtihomna qabel, imma l-ewwel irid ikun lest il-proġett, l-awdituri u l-awtoritajiet tagħha jivverifikaw li kollox sar kif suppost u li l-ispejjeż kienu raġonevoli, imbagħad xi darba forsi tħallasna minn flusna stess.

## L-Informazzjoni Bilfors

**L-istituzzjonijiet l-oħra, kull korp jew aġenzija li jamministraw d-dħul jew il-ħruġ għan-nom ta' l-Unjoni, kull persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-budget, u l-korpi nazzjonali ta' verifika jew, jekk dawn ma jkollhomx il-poteri meħtieġa, id-dipartimenti nazzjonali kompetenti, għandhom jgħaddu lill-Qorti ta' l-Awdituri, fuq it-talba tagħha, kull dokument jew informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-ħidma tagħha.**

Dan il-paragrafu juri dak li għedna aktar qabel dwar kif l-istituzzjonijiet fl-Istati Membri li jkunu jamministraw xi fondi mogħtija lura mill-ħlas tat-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri mill-Unjoni Ewropea jridu jagħtu kull informazzjoni u dokumenti li jintalbu jipprovdu.

Dan ifisser ukoll li minkejja s-segretezza u l-protezzjoni ta' l-informazzjoni li kulħadd jistenna, speċjalment mid-dipartiment tat-taxxa, dan id-dipartiment irid jagħti kull dokument u nformazzjoni personali li jkollu fuq kull persuna li tirċievi xi ħlas jew għajnuna mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha tiġbor l-informazzjoni fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

## L-Ebda Raġuni Għalfejn Intefqu

**Fir-rigward ta' l-attivita' tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment fl-amministrazzjoni tad-dħul u l-ħruġ ta' l-Unjoni, id-drittijiet ta' aċċess mill-Qorti ta' l-Awdituri għal informazzjoni miżmuma mill-Bank għandhom ikunu regolati bi ftehim bejn il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Bank u l-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-Qorti ta' l-Awdituri għandha madanakollu jkollha access għall-informazzjoni neċessarja għall-verifika tal-ħruġ u d-dħul ta' l-Unjoni amministrati mill-Bank.**

Innutaw li għalkemm il-Qorti ta' l-Awdituri għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex tivverifika l-ħruġ u d-dħul ta' l-Unjoni Ewropea li jkunu amministrati mill-Bank, ma jingħadx li l-Qorti ta' l-Awdituri għandha tingħata r-raġuni għalfejn il-fondi jkunu ntużaw. Tgħid għalfejn? Tgħid jinvestu fl-armamenti sigrieti? Ftakru biss x'għedna aktar qabel.

Rapport Annwali

**4. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tagħmel rapport annwali wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja. Dan għandu jintbagħat lill-istituzzjonijiet l-oħra u għandu jiġi ppubblikat, flimkien mat-tweġibiet ta' dawn l-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Hija tista' wkoll, fi kwalunkwe ħin, tissottometti osservazzjonijiet, b'mod partikolari fil-forma ta' rapporti speċjali, dwar mistoqsijiet speċifiċi u tagħti opinjonijiet fuq it-talba ta' waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra.**

**Hija għandha tadotta r-rapporti annwali, rapporti speċjali jew opinjonijiet b'maġġoranza tal-Membri tagħha. Madankollu, tista' tistabbilixxi fi ħdanha awli bl-iskop li tadotta ċerti kategoriji ta' rapporti jew ta' opinjonijiet taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tagħha.**

**Hija tassisti l-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-eżerċizzju tal-poteri tagħhom ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-*budget*.**

**Hija għandha tadotta r-Regoli ta' Proċedura tagħha. Dawk ir-regoli jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill.**

Dawn huma kollha provvedimenti mistennija biex il-Qorti ta' l-Awdituri tkun tista' tagħmel xogħolha sewwa, għalkemm kif ġbidna l-attenzjoni, hemm nuqqasijiet serji li ma nemmnux li l-esperti kollha li kienu qegħdin ifasslu din il-Kostituzzjoni ma kienux jafu bihom.

## ARTIKOLU III-385

**1. Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jintgħażlu minn fost persuni li jappartjenu jew kienu jappartjenu fl-Istati rispettivi tagħhom għal korpi esterni ta' verifika jew li huma speċjalment ikkwalifikati għal din il-kariga. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom.**

**2. Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jinħatru għal perijodu ta' sitt snin. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-lista tal-Membri mfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

**Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jeleġġu l-President tagħhom minn fosthom għal mandat ta' tliet snin. Hu jista' jerga' jiġi elett.**

**3. Fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri m'għandhom la jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn xi gvern jew minn xi korp ieħor. Għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li tkun inkompatibbli mal-funzjonijiet tagħhom.**

**4. Il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri ma jistgħux, matul il-mandat tagħhom, iwettqu xi attività professjonali oħra, kemm jekk bi qligħ u kemm jekk le. Meta jidħlu għal kariga għandhom jagħtu kelma solenni li, kemm tul u kemm wara l-kariga tagħhom, jirrispettaw l-obbligi li joriġinaw mill-kariga u b'mod partikolari d-dmir tagħhom li jġibu ruħom b'integrita' u diskrezzjoni fir-rigward ta' l-aċċettazzjoni, wara li jkunu spiċċaw il-kariga tagħhom, ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji.**

**5. Barra minn sostituzzjoni normali, jew mewt, il-funzjonijiet ta' membru tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jispiċċaw meta jirriżenja, jew ikun imġiegħel b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skond il-paragrafu 6.**

**Il-post battal ikkawżat b'dan il-mod għandu jimtela għall-bqija tal-mandat tal-membru.**

**Ħlief fil-każ ta' rtirar obbligatorju, il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jigu sostitwiti.**

**6. Membru tal-Qorti ta' l-Awdituri jista' jitneħħa mill-kariga jew mid-dritt għal pensjoni jew għal benefiċċji oħra minflokha biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq it-talba tal-Qorti ta' l-Awdituri, ssib li ma baqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa jew ma baqax jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mill-kariga tiegħu.**

**<u>Artikolu ta' Nformazzjoni</u>**

Dan huwa Artikolu dwar il-ħatra, id-dmirijiet, l-imġiba u kif jistgħu jitneħħew il-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri u m'hemmx għalfejn noqgħodu nelaboraw fuqu.

**SEZZJONI 2**

**KORPI KONSULTATTIVI TA' L-UNJONI**

**Subsezzjoni 1**
**Il-Kumitat tar-Reġjuni**

**ARTIKOLU III-386**

**In-numru ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni m'għandux ikun aktar minn 350. Il-Kunsill, b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-komposizzjoni tal-Kumitat.**

**Il-membri tal-Kumitat u numru ugwali ta' membri supplenti għandhom jinħatru għal ħames snin. Il-perijodu tal-mandat tagħhom jista' jiġġedded. Ebda membru jew membru supplenti tal-Kumitat ma jista' jkun fl-istess waqt membru tal-Parlament Ewropew.**

**Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-lista ta' membri u membri supplenti mfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.**

**Meta l-mandat previst fl-Artikolu I-32(2), li abbażi tiegħu kienu proposti jasal fi tmiemu, il-mandat tal-membri tal-Kumitat għandu jintemm awtomatikament u huma għandhom imbagħad jiġu sostitwiti, skond l-istess proċedura, għall-bqija tal-mandat.**

**Kumitat Ieħor u Aktar Spejjeż**

Hawnhekk irridu nfakkrukom biex tinnutaw kemm hemm istituzzjonijiet u kumitati fl-Unjoni Ewropea biex jinstabu postijiet imħallsa tajjeb għal tal-qalba li jemmnu b'ruħom u ġisimhom fl-Unjoni Ewropea u li jitħallsu mit-taxxi miġbura mingħand iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, fosthom aħna u inthom. Tinsewx li dawn ma jaħdmux għalxejn, jew kif jingħad bil-Latin "***gratis et amoris***".

Barra minn hekk, tinsewx kemm isiru spejjes ta' vjaġġar mill-membri li jitħallsu mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u kemm il-lukandiera speċjalment fi Brussell imorru tajjeb b'dawn il-kumitati u istituzzjonijiet kollha minħabba l-laqgħat tagħhom.

Tant il-Belġju u Franza u anki Stati Membri oħra bħal ma huwa l-Lussemburgu jmorru tajjeb bl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ġewwa pajjiżhom, li kien hemm diversi kawżi minħabba li l-Parlament mar Brussell, u għadhom imorru jagħmlu numru ta' laqgħat kull sena ġewwa Strasbourg ukoll, li kollha jiswew miljuni kbar kull darba biex jinġarru n-nies u l-apparat minn Brussell għal Strasbourg.

Dan huwa ftit mill-infieq żejjed, ħela u sparpaljar ta' flus li nsibu fl-Unjoni Ewropea biex kemm Brussell u kemm Strasbourg jibqgħu jgawdu mill-infieq tal-membri parlamentari Ewropej u mill-ekwipaġġ tal-Parlament, waqt li l-ispejjeż jinħarġu mit-taxxi mposti fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU III-387

**Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jaħtar il-president u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal mandat ta' sentejn u nofs.**

**Hu għandu jissejjah mill-president tiegħu fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. Jista' wkoll jiltaqa' fuq inizjattiva tiegħu stess.**

**Hu għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.**

### Il-Ħatra tal-President u l-Uffiċjali

Sempliċi Artikolu dwar il-ħatra tal-President u l-Uffiċjali ta' dan il-Kumitat, kif jiltaqa' u kif jagħmel ir-Regoli ta' Proċedura.tiegħu.

## ARTIKOLU III-388

**Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiġi kkonsultat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk u fil-każijiet l-oħra kollha li fihom waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tqis xierqa, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-koperazzjoni transkonfini.**

### Kumitat Konsultattiv

Hawnhekk għandna eżempju ieħor ta' kif it-territorju qiegħed jiġi meqjuż bħala territorju ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u kif il-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri jitqiesu biss, bir-rispett kollu, qishom Kunsilli Lokali.

Innutaw kif ma jingħadx koperazzjoni transfruntieri, jiġifieri li jaqsmu l-fruntieri, jew fi kliem ieħor bejn l-Istati Membri, imma transkonfini.

Huwa dwar meta nitkellmu fuq il-Kunsilli Lokali li nitkellmu dwar konfini, u għaldaqstant dan juri dak li għedna, jiġifieri li l-Unjoni Ewropea tqis il-Parlamenti nazzjonali biss bħala Kunsilli Lokali li jkollhom jagħmlu dak li tordnalhom jew tħallihom jagħmlu.

Imma hawnhekk naħsbu li jitqiesu agħar, għaliex aktar jitqiesu bħala l-psataż ta' l-Unjoni Ewropea milli Kunsilli Lokali.

### Ħidma u Proċedura

Il-kumplament ta' dan l-Artikolu huwa dwar il-ħidma u l-proċedura li għandha tintuża mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-istituzzjonijiet l-oħra msemmija ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni għandu, jekk jikkunsidrawh meħtieġ, jistabbilixxi għas-sottomissjoni mill-Kumitat ta' l-opinjoni tiegħu, terminu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn xahar mid-data li fiha l-president jirċievi notifika għal dan l-iskop. Ma' l-iskadenza tat-terminu**

**taż-żmien, in-nuqqas ta' opinjoni m'għandux iżomm milli tittieħed azzjoni ulterjuri.**

**Meta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jiġi kkonsultat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jigi informat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni bit-talba għal opinjoni. Meta jqis illi huma involuti interessi reġjonali speċifiċi, il-Kumitat tar-Reġjuni jista' jesprimi opinjoni fuq il-kwistjoni. Jista' wkoll jissottometti opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess.**

**L-opinjoni tal-Kumitat, flimkien ma' reġistru tal-proċeduri tiegħu, għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.**

Irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom għat-taħwid li hawn fl-ewwel paragrafu. Fil-bidu tal-paragrafu jingħad li "**l-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni għandu**".

Din hija ħażina għaliex meta qiegħed titkellem dwar aktar minn istituzzjoni waħda, jiġifieri fil-plural, bil-Malti tajjeb ngħidu "**għandhom**" mhux "**għandu**". Dan huwa konfermat ukoll fl-istess paragrafu, għaliex jingħad "**jikkunsidrawh meħtieġ**", li hija fil-plural.

## Subsezzjoni 2
## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

### ARTIKOLU III-389

**In-numru ta' membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m'għandux ikun aktar minn 350. Il-Kunsill, b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina il-komposizzjoni tal-Kumitat.**

**Kumitat Ieħor u Aktar Burokrazija**

Ħolqien ta' Kumitat ieħor li jkompli jżid il-piżijiet tat-taxxi fuq iċ-ċittadiji ta' l-Istati Membri kif ukoll il-burokrazija ta' l-Istat federali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikoli li ġejjin huma dwar il-ħatra tal-membri u l-uffiċjali, il-ħidma, il-laqgħat u r-regoli ta' proċedura tiegħu, dwar kif u meta għandu jiġu konsultat u dwar x'għandu jagħmel u m'aħniex sejrin noqgħodu nikkummentaw jekk ma nħossux ħtieġa.

### ARTIKOLU III-390

**Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom jinħatru għal ħames snin. Il-perijodu tal-mandat tagħhom jista' jiġġedded.**

**Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi l-lista tal-Membri imfassla skond il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.**

**Il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Jista' jikseb l-opinjoni tal-korpi Ewropej li huma rappreżentanti tas-setturi ekonomiċi u soċjali diversi, u tas-soċjeta' ċivili, interessati mill-attivitajiet ta' l-Unjoni.**

### ARTIKOLU III-391

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jaħtar il-president u l-uffiċjali tiegħu minn fost il-membri tiegħu għal mandat ta' sentejn u nofs.**

**Għandu jitlaqqa' mill-president tiegħu fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. Jista' wkoll jiltaqa' fuq l-inizjattiva tiegħu stess.**

**Hu għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.**

### ARTIKOLU III-392

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jiġi kkonsultat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni meta l-Kostituzzjoni tipprovdi hekk. Jista' jiġi kkonsultat ukoll minn dawn l-istituzzjonijiet fil-każijiet kollha li huma jikkunsidraw xierqa. Jista' wkoll jissottometti opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess.**

**Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni għandu, jekk jikkunsidrawh meħtieġ, jistabbilixxi għas-sottomissjoni mill-Kumitat ta' l-opinjoni tiegħu, terminu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn xahar mid-data li fiha l-president jirċievi notifika għal dan l-iskop. Ma' l-iskadenza tat-terminu taż-żmien, in-nuqqas ta' opinjoni m'għandux iżomm milli tittieħed azzjoni ulterjuri.**

**L-opinjoni tal-Kumitat, flimkien ma' reġistru tal-proċeduri tiegħu, għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.**

## SEZZJONI 3

## IL-BANK EWROPEW TA' L-INVESTIMENT

### ARTIKOLU III-393

**Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu personalita' ġuridika.**

**Il-membri tiegħu għandhom ikunu l-Istati Membri.**

**L-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment huwa stabbilit fi Protokoll.**

**Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' temenda l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu, kemm fuq talba tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, kif ukoll fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment.**

**<u>Personalita' Ġuridika</u>**

Li jrid jiġi nnutat huwa li dan il-Bank qiegħed jingħata personalita' ġuridika, li aktar qabel konna għedna xi tfisser u m'hemmx għalfejn noqgħodu nirrepetu kollox.

Irid jiġi nnutat ukoll li liġi Ewropea sejra tkun tista' temenda l-Istatut tal-Bank Ċentrali Ewropew mingħajr ma l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom jerġgħu jiġu konsultati bħal ma qegħdin jiġu konsultati issa biex jaqblu mal-Kostituzzjoni.

Dan ifisser li qiegħed jingħata jedd lill-Unjoni Ewropea biex tagħmel dak li trid u dak li sthat u ma kellhiex il-wiċċ tippreżenta f'din il-Kostituzzjoni permezz ta' dik li qiegħda tissejjah liġi Ewropea.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea trid toqgħod attent ħafna xi tkun trid tagħmel għaliex malajr iddaħħal xi parti ta' xi Artikolu li permezz tagħha tkun qiegħda tingħata jeddijiet li jekk ma toqgħodx attent malajr jaqbżulek u ma tindunax bihom u li jkunu ħafna aktar milli qatt kont taħseb li qiegħda tingħata?

### ARTIKOLU III-394

**Il-kompitu tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jkun li jikkontribwixxi, billi jkollu rikors għas-suq kapitali u billi juża r-riżorsi tiegħu, għall-iżvilupp bilanċjat u kostanti tas-suq intern fl-interess ta' l-Unjoni. Għal dan l-iskop il-Bank Ewropew ta' l-Investiment, mingħajr ma jfittex skop ta' profitt, għandu jiffaċilita, b'mod partikolari billi jagħti self u jagħti garanziji, l-iffinanzjar tal-proġetti li ġejjin fis-setturi kollha ta' l-ekonomija:**

**a) proġetti għall-iżvilupp ta' reġjuni inqas żviluppati;**

**b) proġetti għall-immodernizzar jew il-konverżjoni ta' impriżi jew għall-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda meħtieġa mill-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq**

**intern, meta dawn il-proġetti huma ta' daqs jew natura tali li ma jistgħux jiġu kompletament iffinanzjati mill-mezzi varji disponibbli fl-Istati Membri individwali;**

**ċ) proġetti ta' interess komuni għal diversi Stati Membri li huma ta' daqs jew natura tali li ma jistgħux jiġu kompletament iffinanzjati mill-mezzi varji disponibbli fl-Istati Membri individwali.**

**Fit-twettiq tal-kompitu tiegħu, il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jiffaċilita l-iffinanzjar ta' programmi ta' investiment flimkien ma' assistenza mill-Fondi Strutturali u mill-istrumenti finanzjarji oħrajn ta' l-Unjoni.**

**<u>Fl-Interess ta' l-Unjoni</u>**

L-ewwel ma rridu ninnutaw huwa li l-Bank Ewropew ta' l-Investiment ma jużax ir-riżorsi tiegħu fl-interess ta' l-Istati Membri, imma fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea kif jingħad fil-bidu ta' Artikolu, jiġifieri "**għall-iżvilupp bilanċjat u kostanti tas-suq intern fl-interess ta' l-Unjoni."**

Fi kliem ieħor, il-proġetti jridu jkunu tali li jkun fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea li jsiru u jekk le, ma jsirux.

**<u>Mingħajr Profitt</u>**

Innutaw ukoll kif jingħad "**mingħajr ma jfittex skop ta' profitt**". Hawnhekk qiegħda l-ipokrezija tal-mexxejja arroganti, federalisti, imperjalisti u kolonjalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għaliex filwaqt li l-banek ta' l-Istati Membri jridu jimxu bilfors fuq kriterji kummerċjali, jiġifieri jridu jagħmlu qligħ u ma jagħmlu l-ebda telf, il-Bank ta' Investiment tagħha m'għandux ifittex qligħ.

Waqt li dan il-prinċipju huwa tajjeb għaliex aktar jista' jkun hemm żviluppi u anqas piżijiet fuq l-Istati Membri, dan juri wkoll l-ipokrezija tal-mexxejja qarrieqa ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex jekk huwa tajjeb għall-bank ta' l-Unjoni Ewropea li ma jfittixx li jagħmilx qligh, għaliex m'huwiex tajjeb għall-banek ta' l-Istati Membri jew banek oħra?

## SEZZJONI 4

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET, IL-KORPI U L-AĠENZIJI TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU III-395

**1. Meta, skond il-Kostituzzjoni, il-Kunsill jadotta att fuq proposta mill-Kummissjoni, ma jistax jemenda dik il-proposta sakemm ma jiddeċiedix b'mod unanimu, ħlief fil-każijiet previsti fl-Artikoli I-55 u I-56, l-Artikolu III-396(10) u (13), l-Artikolu III-404 u l-Artikolu III-405(2).**

**2. Sakemm il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-Kummissjoni tista' tbiddel l-proposta tagħha f'kull ħin tul il-proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni ta' att ta' l-Unjoni.**

**<u>Kummissjoni Setgħana</u>**

Hawnhekk għandna eżempju tas-setgħa tal-Kummissjoni meta l-Kunsill ma jistax jemenda proposta tal-Kummissjoni jekk ma jaġixxix unanimament, ħlief fil-każi msemmija.

Tinsewx li għalkemm il-Kunsill irid jaħdem fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea, huwa jkun magħmul mill-Ministri rispettivi ta' l-Istati Membri, u għaldaqstant, il-Minsitri direttament u l-Istati Membri indirettament huma sottomessi għall-Kummissjoni.

Mhux biss, imma nnutaw kif il-Kummissjoni tista' tbiddel il-proposta tagħha f'kull ħin sakemm il-Kunsill jaġixxi, jiġifieri sakemm jadotta l-att ta' l-Unjoni mitlub mill-Kummissjoni.

Dan juri li anki bejn l-istess istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea hemm il-preferenzi, aħseb u ara xi jkun hemm ma' u bejn l-Istati Membri!

### ARTIKOLU III-396

**1. Meta, skond il-Kostituzzjoni, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej huma adottati taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin.**

**2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

**L-ewwel qari**

**3. Il-Parlament Ewropew għandu jadotta l-posizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Kunsill.**

**4. Jekk il-Kunsill japprova l-posizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att in kwistjoni għandu jiġi adottat fil-formulazzjoni li tkun tikkorrispondi mal-posizzjoni tal-Parlament.**

**Wara l-Ewwel Qari**

Hawnhekk ma jkun hemm l-ebda problema, u l-att kif propost mill-Kummissjoni li jsib il-qbil tal-Parlament Ewropew jintbagħat lill-Kunsill li jekk japprova l-pożizzjoni tal-Parlament l-att jiġi meqjus li għadda.

Madankollu, innutaw li minkejja li l-Parlament Ewropew ikun qabel dwar l-att, bilfors irid ikun hemm qbil mill-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Fi kliem ieħor, il-Parlament m'għandux setgħa imma jrid jiddependi fuq il-qbil tal-Kunsill jekk japprovax dak li l-Parlament ikun qabel fuqu.

Qegħdin taraw kemm għandu setgħa l-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea msejjaħ il-Parlament Ewropew meta minkejja li dak li jkun sejjer isir ikun jaqbel miegħu, irid isib ukoll il-qbil tal-Kunsill?

**Jekk il-Kunsill ma Japprovax**

**5. Jekk il-Kunsill ma japprovax il-posizzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-posizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Parlament Ewropew.**

**6. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bir-raġunijiet li wassluh biex jadotta l-posizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bil-posizzjoni tagħha.**

Jekk dan ikun il-każ, iwassal għat-tieni qari u jsir kif ġej. Madankollu, innutaw kif kemm il-Kunsill kid ukoll il-Kummissjoni jinfurmaw lill-Parlament bil-pożizzjoni tagħhom biex il-Parlament ikun influwenzat dwar il-pożizzjoni li jrid jieħu.

**Jħaddu għat-Tieni Qari**

**It-tieni qari**

**7. Jekk, fi żmien tliet xhur minn din il-komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew:**

**a) japprova l-posizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jew ikun għadu ma ħax deċiżjoni, l-att konċernat għandu jigi kkunsidrat adottat fil-formulazzjoni li tkun tikkorrispondi mal-posizzjoni tal-Kunsill;**

**b) jirrifjuta, b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, il-posizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, l-att propost għandu jitqies li ma ġiex adottat;**

**ċ) jipproponi, b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, emendi għall-posizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, it-test hekk emendat għandu jintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, li għandhom jagħtu opinjoni dwar dawk l-emendi.**

Dan jista' jwassal biex jew il-Parlament Ewropew japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill, jew jekk iħalli tliet xhur jgħaddu mingħajr ma jagħmel xejn, l-att jitqies li ġie

approvat. Jekk il-Parlament Ewropew ma japprovax il-pożizzjoni tal-Kunsill l-att jitqies li ma ġiex approvat.

Il-Parlament Ewropew jista' wkoll jibgħat emendi għall-pożizzjoni li l-Kunsill ikun għamel fl-ewwel qari, u jibgħat dawn l-emendi kemm lill-Kunsill u kemm lill-Kummissjoni li mbagħad jagħtu l-opinjoni tagħhom. Dan iwassal għal dak li jingħad aktar l-isfel u huwa xi ftit aktar ikkomplikat.

**Wara l-Emendi tal-Parlament**

**8. Jekk, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi l-emendi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata,**

**a) japprova dawk l-emendi kollha, l-att in kwistjoni għandu jitqies li ġie adottat;**

**b) ma japprovax l-emendi kollha, il-President tal-Kunsill, bi ftehim mal-President tal-Parlament Ewropew, għandu fi żmien sitt gimgħat isejjah laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.**

**9. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq l-emendi li fuqhom il-Kummissjoni tkun tat opinjoni negattiva.**

Kif tistgħu taraw, jekk fi żmien tliet xhur il-Kunsill jaqbel ma' l-emendi kollha l-att jitqies li ġie approvat. Jekk ma japprovax l-emendi kollha, il-President tal-Kunsill irid isejjah laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fi żmien sitt ġimgħat, dejjem bi ftehim mal-President tal-Parlament Ewropew.

Li jrid jiġi nnutat huwa li waqt li jekk ma jkunx hemm opinjoni negattiva mill-Kummissjoni l-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jekk ikun hemm opinjoni negattiva l-Kunsill irid jaġixxi unanimament.

Mela hawnhekk għandna l-Kummissjoni li b'mod jew ieħor tinfluwenza l-posizzjoni li jieħu l-Kunsill u kif jivvota biex japprova jew le l-emendi. Dan juri li l-Kummissjoni hija meqjusa li hija aqwa mill-Kunsill u mill-Parlament.

Barra minn hekk, il-fatt li f'waqtiet minnhom li jiddependu miċ-ċirkostanzi msemmija l-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata jfisser li anki f'dan il-qasam u f'dawn iċ-ċirkostanzi **spiċċa l-jedd tal-veto ta' l-Istati Membri**.

Qegħdin taraw kemm dawk li kienu jgħidulkom li jekk Malta ma tkunx taqbel ma xi ħaġa kellha l-jedd tal-veto u kienet tista' twaqqaf kollox?

**Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni**

**Konċiljazzjoni**

**10. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandu jkun kompost mill-membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom, u numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew, għandu l-kompitu li jilħaq ftehim dwar test konġunt, b'maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill jew ir-**

**rappreżentanti tagħhom u b'maġġoranza tal-membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew fi żmien sitt gimgħat minn meta jissejjah, fuq bażi tal-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fit-tieni qari.**

**11. Il-Kummissjoni għandha tieħu parti fix-xogħol tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bl-iskop li tirrikonċilja l-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

**12. Jekk, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jissejjah, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma japprovax it-test konġunt, l-att propost għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.**

Hawnhekk għandna punti nteressanti. Innutaw li l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jkun magħmul nofsu minn Membri tal-Parlament Ewropew u nofsu minn membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom.

Madankollu, jekk jintlaħaq qbil fuq test konġunt, waqt li l-membri tal-Kunsill iridu japprovaw it-test b'maġġoranza kwalifikata, il-membri tal-Parlament Ewropew japprovawh biss b'maġġoranza.

Dan ifisser li min-naħa tal-Kunsill aktar ikun diffiċli li jkun hemm qbil u aktar jistgħu jżommu l-pożizzjoni tagħhom, waqt li min-naħa tar-rappreżentanti parlamentari aktar jista' jsir qbil malajr, speċjalment jekk issir pressjoni, għaliex jekk ikun hemm maġġoranza, jiġifieri nofs u wiehed, isir il-qbil.

Innutaw ukoll li l-Kummissjoni tieħu sehem ukoll fil-laqgħat tal-Kumitat ta' konċiljazzjoni, għalkemm biex tipprova tirrikonċilja l-partijiet. Madankollu, aktar tista' ssir pressjoni fuq il-membri tal-Parlament għaliex ikunu jridu biss maġġoranza u mhux maġġoranza kwalifikata.

Jekk madankollu wara sitt ġimgħat ma jsirx qbil, l-att jiġi meqjus li ma ġiex adottat. Jekk min-naħa l-oħra l-Kumitat ta' rikonċiljazzjoni jkun irnexxilu li jġib il-qbil fuq test konġunt, dan jerġa' jitressaq quddiem il-Parlament u l-Kunsill biex jerġgħu japprovawh kif sejrin naraw, jiġifieri dak li huwa msejjah bħala t-tielet qari.

**<u>Jaslu għat-Tielet qari</u>**

**It-tielet qari**

**13. Jekk, f'dak il-perijodu, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni japprova test konġunt, il-Parlament Ewropew, li jagixxi b'maġġoranza tal-voti espressi, u l-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandhom kull wieħed ikollhom perijodu ta' sitt ġimgħat minn din l-approvazzjoni biex fih jadottaw l-att in kwistjoni skond dan it-test. Jekk jonqsu li jagħmlu dan, l-att propost għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.**

**14. Il-perijodi ta' tliet xhur u sitt ġimgħat previsti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mtawwla b'massimu ta' xahar u ġimgħatejn rispettivament fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.**

Hawnhekk nerġgħu naraw li waqt li l-Parlament japprova t-test konġunt b'maġġoranza, il-Kunsill irid japprovah b'maġġoranza kwalifikata fiż-żmien imsemmi.

Hawnhekk għandna żewġ kunsiderazzjonijiet li tajjeb li wieħed jinnotahom.

L-ewwel li l-Parlament Ewropew u l-membri parlamentari jista' jitqies li għandhom anqas importanza għaliex b'maġġoranza biss l-att jiġi approvat.

It-tieni, għalkemm il-Kunsill irid japprova t-test konġunt b'maġġoranza kwalifikata, dan jurina wkoll li **l-jedd tal-veto ta' l-Istati Membri spiċċa** għaliex jekk ikun hemm maġġoranza kwalifikata t-test konġunt jgħaddi, u l-att jitqies li ġie approvat minkejja li ma jkunx hemm qbil mir-rappreżentanti ta' l-Istat jew Stati Membri li ma jkunux qablu.

Hawnhekk tajjeb li nerġgħu nfakkru, li għalkemm il-Kunsill huwa magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, il-lealta' tagħhom hija lejn l-Unjoni Ewropea u mhux lejn l-Istat Membru tagħhom, kif rajna aktar qabel.

## Għandhom Ukoll Disposizzjonijiet Speċjali

**Disposizzjonijiet specjali**

**15. Meta, fil-każijiet previsti mill-Kostituzzjoni, liġi jew liġi kwadru Ewropea tkun sottomessa għall-proċedura ordinarja legislattiva dwar l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew, jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, il-paragrafu 2, it-tieni sentenza tal-paragrafu 6 u l-paragrafu 9 m'għandhomx japplikaw.**

**F'dawn il-każijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jikkomunikaw l-att propost lill-Kummissjoni flimkien mal-posizzjonijiet tagħhom fl-ewwel u fit-tieni qari. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni tul il-proċedura kollha, liema opinjoni tista' tingħata wkoll mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess. Tista' wkoll, jekk tqis meħtieġ, tieħu parti fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni skond il-paragrafu 11.**

Dwar il-paragrafu 2, dan ifisser li l-Kummissjoni ma tagħmilx proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, għaliex din tkun saret fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri kif jingħad f'dan is-subartiklu li qegħdin naraw.

Dwar it-tieni sentenza tal-paragrafu 6, din tgħid li "**Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bil-posizzjoni tagħha**."

Minħabba li l-proposta tkun saret kif għedna fil-paragrafu ta' qabel, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni ma tidħolx fil-kwistjoni.

Dwar paragrafu 9, din bilfors li ma tapplikax, għaliex dan jgħid li "**Il-Kunsill għandu jagixxi b'mod unanimu fuq l-emendi li fuqhom il-Kummissjoni tkun tat opinjoni negattiva.**"

La darba l-Kumissjoni ma tagħtix opinjoni, il-Kunsill m'għandux għalfejn jaġixxi, la b'mod unanimu u lanqas b'xi maġġoranza għaliex ma jkollux fuq x'hiex jiddeċiedi.

Kif stajtu taraw, dan huwa Artikolu ta' proċedura dwar kif jiġu adottati liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej skond il-proċedura leġislattiva ordinarja u kien twil mhux ħażin, imma tajjeb li tkunu tafu kif inhuma l-proċeduri minkejja li dejjem nibqgħu nsostnu li għandna nitilqu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada biex neħilsu mill-madmad u l-jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Tinsewx li biex tiġġieled lill-għadu tiegħek, inti trid tkun taf kif jaħdem.

## ARTIKOLU III-397

**Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin u bi ftehim komuni jagħmlu arranġamenti għall-koperazzjoni ta' bejniethom. Għal dak l-iskop, jistgħu, bi qbil mal-Kostituzzjoni, jikkonkludu ftehim interistituzzjonali li jista' jkun ta' natura li jorbot.**

**Konsultazzjoni u Ftehim**

Waqt li huwa tajjeb li jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet ikunu ta' liema Stat jew organizzazzjoni jkunu, innutaw li hawnhekk ma jingħadx xi kwalita' ta' ftehim jistgħu jagħmlu, għalkemm jingħad li jkun bi qbil mal-Kostituzzjoni.

Dan faċilment jista' jwassal għal ftehim li jista' jingħad li jkun tal-forma "**ħokkli dahri u nħokklok dahrek**" sakemm ma tinkisirx il-Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU III-398

**1. Fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u ndipendenti.**

**2. Skond ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg adottati fuq bażi ta' l-Artikolu III-427, liġi Ewropea għandha tistabbilixxi disposizzjonijiet għal dak il-għan.**

**Amministrazzjon b'Diskriminazzjoni**

Il-kelma "**amministrazzjoni**" hawnhekk qiegħda tirreferi għall-impjegati ta' l-istituzzjonijiet. Madankollu, kif tista' tissejjaħ amministrazzjoni miftuħa u ndipendenti jekk kollox isir bil-ħabi? Fuq kollox, huwa ħaddieħor li jiġġudikak.

Kif tista' tkun indipendenti meta' kien hemm allegazzjonijiet li jekk ma tkunx mogħmi wara l-Unjoni Ewropea m'għandikx ċans li tkun impjegat ta' xi istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea?

Anki jekk naraw din l-istess Kostituzzjoni tiftakru kemm rajna li, bħala eżempju, il-Kummissarji jridu juru l-impenn Ewropew tagħhom. Dan ifisser li jekk ma tkunx b'ruħek u b'ġismek mogħmi wara l-Unjoni Ewropea u l-ideali tagħha qatt ma tista' ssir Kummissarju.

Din m'hijiex ukoll diskriminazzjoni msejsa fuq it-twemmin politiku tal-persuna?

Il-fatti juru wkoll li Kummissjoni kellha tirriżenja minħabba allegazzjonijiet ta' nepotiżmu, u mpjegati risponsabbli bħal ma kienu awdituri li ġibdu l-attenzjoni dwar nuqqasijiet li kienu qegħdin iwasslu biex jisparixxu mijiet ta' miljuni kull sena mit-taxxi tac-cittadini ta' l-Istati Membri tkeċċew minflok ma ttieħdu passi biex l-abbużi jieqfu.

Dwar kemm l-amministrazzjoni hija effiċjenti nistgħu nistaqsu kif tista' tkun effiċjenti meta hemm ruxxmata kumitati, aġenziji, istituzzjonijiet u organizzazzjonijet li kollha b'xi mod jew ieħor iridu jamministraw xi qasam fl-amministrazzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Kollha flimkien mhux amministrazzjoni effiċjenti jagħmlu, imma Torri ta' Babel.

## ARTIKOLU III-399

**1. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom jassiguraw it-trasparenza fix-xogħol tagħhom u għandhom, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu I-50, jistabbilixxu fir-regoli ta' proċedura tagħhom id-disposizzjonijiet speċifiċi għall-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, l-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandhom ikunu soġġetti għall-Artikolu I-50(3) u għall-Artikolu preżenti meta jeżerċitaw il-kompiti amministrattivi tagħhom biss.**

**2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jassiguraw il-pubblikazzjoni tad-dokumenti dwar il-proċeduri leġislattivi skond it-termini stipulati mil-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu I-50(4).**

### L-Istituzzjonijiet Jiddeċiedu l-Aċċess għad-Dokumenti

Diġa' kellna l-okkażjoni niġbdu l-attenzjoni tagħkom dwar il-ħabi li jsir u kif minkejja li jingħad li l-pubbliku għandu jkollu aċċess għad-dokumenti, kull meta saru talbiet għad-dokumenti dejjem instabet xi skuża biex jew ma jingħatawx jew ma jingħatax kollox.

Biex infakkrukom, L-Artikolu 50(3) wara li jgħid li kull ċittadin għandu jedd li jara d-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, ikompli jgħid li, "**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-limiti li, għal raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat, jirregolaw id-dritt ta' aċċess għal dawn id-dokumenti.**"

Artikolu I-50(4) jgħid li "**Kull istituzzjoni, korp jew aġenzija għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu u disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu**

**ma' l-aċċess għad-dokumenti tiegħu, skond il-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 3.**

Innutaw li minkejja li jrid ikun hemm liġi Ewropea li tagħti jedd liċ-ċittadini jaraw id-dokumenti, jingħad ukoll li kull istituzzjoni, korp jew aġenzija għandha tiddetermina, jiġifieri tgħid, x'għandhom ikunu r-regoli ta' proċedura biex ikun hemm aċċess għad-dokumenti tiegħu.

Fi kliem ieħor, kull istituzzjoni jkollha l-proċeduri tagħha li bihom tant ikun diffiċli li jkun hemm aċċess jew aċċess tant limitat li jkun għalxejn jew kważi għalxejn, għaliex id-dokumenti b'xi mod jew ma jaslux jew ma jaslux kollha.

Qegħdin taraw kif jagħmlu referenza għal Artikolu ieħor biex iħawwdu l-imħuh għaliex jekk ma toqgħodx tmur tara x'jgħid taħseb li inti tista' taqbad u tara kull dokument ta' kull istituzzjoni meta fil-fatt dan ma jkunx hekk?

Dan huwa l-qerq fin magħmul mill-istituzzjonijiet u l-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex iqarrqu biċ-ċittadini ta' l-Istati Membri biex, speċjalment fejn il-membri parlamentari m'humiex arroganti ċ-ċittadini sejrin jiġu konsultati b'referendum, japprovaw dan il-ħmieġ ta' Kostituzzjoni.

## ARTIKOLU III-400

**1. Il-Kunsill għandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu:**

**a) is-salarji, l-allowances u l-pensjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew, tal-President tal-Kummissjoni, tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, tal-membri tal-Kummissjoni Ewropea, l-Presidenti, l-membri u r-Reġistraturi tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill;**

**b) il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, b'mod partikolari is-salarji, l-allowances u l-pensjonijiet tal-President u tal-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri;**

**ċ) kwalunkwe ħlas li għandu jsir flok remunerazzjoni lill-persuni previsti fil-punti (a) u (b).**

**2. Il-Kunsill ghandu jadotta regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej li jiddeterminaw l-allowances tal-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Ix-Xejn b'Xejn**

Qegħdin taraw kif dak li għednilkom aktar qabel dwar kif ħadd ma jaħdem b'xejn, ***gratis et amores***, u kif kull kumitat, bord, istituzzjoni u organizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea tfisser aktar taxxi fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

Ara dwar il-ħlasijiet tagħhom ma jmorrux quddiem iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li joħorġu t-taxxi tagħhom biex il-mexxejja u l-impjegati federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jgħaddu ħajja mill-aktar sinjura biex jaraw jekk jaqblux mas-salarji fenominali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

Huma jagħmlu r-regolamenti u jieħdu d-deċiżjonijiet li jidrilhom u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jħallsu t-taxxi ħalli jżommuhom. Hekk isiru l-affarijiet fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

### ARTIKOLU III-401

**L-atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponu obbligu ta' flus fuq persuni li mhumiex Stati Membri għandhom ikunu eżegwibbli.**

**L-eżekuzzjoni forzata hi regolata mir-regoli ta' proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu titwettaq. L-ordni għall-eżekuzzjoni għandha tiġi mehmuża mad-deċiżjoni, mingħajr ebda formalita' oħra għajr il-verifika ta' l-awtentiċita' tad-deċiżjoni, mill-awtorità nazzjonali li l-gvern ta' kull Stat Membru għandu jaħtar għal dan l-iskop u li għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Meta dawn il-formalitajiet ikunu ġew ikkompletati fuq applikazzjoni mill-parti konċernata, din ta' l-aħħar tista' tipproċedi għall-eżekuzzjoni forzata, billi ġġib il-kwistjoni direttament quddiem l-awtorità kompetenti, skond il-liġi nazzjonali.**

**L-eżekuzzjoni forzata tista' tiġi sospiża biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Madanakollu, il-qrati tal-pajjiż konċernat għandhom ġurisidizzjoni fuq ilmenti li l-eżekuzzjoni tkun qed titwettaq b'mod irregolari.**

**Multi fuq Kulħadd**

Hawnhekk naraw kif l-istituzzjonijiet imsemmija ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss jistgħu jwaħħlu multi li jistgħu jkunu ta' mijiet ta' miljuni ta' **ewros** kif rajna dan l-aħħar jitwaħħlu lil kumpaniji, imma l-istess multi jridu jiġu nfurzati fl-Istati Membri mill-Qrati jew istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri.

Dan jgħodd għall-kumpaniji u kull ċittadin ta' kull Stat Membru, barra mill-Istati Membri nfushom, li l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jkunu ddeċiedew li jwaħħlu xi multa.

Fi kliem ieħor, l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jwaħħlu l-multi anki lil nies u kumpaniji, u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, li rridu ninnutaw li jridu jinħatru apposta, iridu jiġbruhom mingħajr kliem u mingħajr sliem, ħlief li jaraw li d-deċiżjoni tkun awtentika, jiġifieri tkun tassew inħarġet minn dik l-istituzzjoni li jingħad li tkun ħarġitha.

Jekk l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri ma jinfurzawhiex, l-istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea tagħmel azzjoni, jiġifieri tiftaħ kawża quddiem l-awtorita' nazzjonali kompetenti, jiġifieri l-Qorti, biex id-deċiżjoni tagħha tiġi esegwita bil-forza, liema esekuzzjoni tista' titwaqqaf biss mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

L-unika ġurisdizzjoni li għandhom il-Qrati ta' l-Istati Membri huwa jekk ikun hemm ilment li l-esekuzzjoni ma tkunx qiegħda ssir b'mod regolari. Il-bqija jridu jinfurzaw id-deċiżjoni ta' kull istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tagħhom jibqgħu Indipndenti, Ħielsa u Sovrani bis-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Qegħdin taraw kif bl-arroganza kollha l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali at' l-Unjoni Ewropea jistgħu mhux biss iwaħħlu multi lil nies ordinarji ċittadini at' l-Istati Membri, imma anki kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra, barra mill-multi lill-Istati membri, u jordnaw lill-awtoritajiet at' l-istati membri biex jiġbruhom?

Tridu li nibqgħu f'dawn il-ħniżrijiet u oxxenitajiet ta' l-Istat Federali ta' l-unjoni Ewropea li qablu magħhom anki r-rappreżentanti Maltin li marru Brussell biex ifasslu din il-Kostituzzjoni?

Jekk ma tridux li nibqgħu taħt dan il-madmad u jasar kolonjali triq waħda biss għandna. Dik li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu jgħidu x'jgħidu l-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** mixtrija ta' l-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU II

## DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

## SEZZJONI 1

## IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

## ARTIKOLU III-402

**1. Il-qafas finanzjarju pluriennali għandu jiġi stabbilit għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin skond l-Artikolu I-55.**

**2. Il-qafas finanzjarju għandu jistabbilixxi l-ammonti tal-limiti massimi annwali fuq approprjazzjonijiet ta' impenn skond il-kategorija tal-ħruġ u tal-limitu massimu annwali fuq approprjazzjonijiet ta' pagament. Il-kategoriji tal-ħruġ, li huma limitati, għandhom jikkorrispondu għas-setturi maġġuri ta' attivita' ta' l-Unjoni.**

**3. Il-qafas finanzjarju għandu jistabbilixxi kull disposizzjoni oħra meħtieġa biex il-proċedura annwali tal-*budget* topera mingħajr xkiel.**

**4. Meta ebda liġi Ewropea tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas finanzjarju ġdid ma tkun ġiet adottata sa l-aħħar tal-qafas finanzjarju preċedenti, il-limiti massimi u disposizzjonijiet oħrajn li jikkorrispondu għall-aħħar sena ta' dak il-qafas għandhom jiġu estiżi sa dak iż-żmien meta dik il-liġi tiġi adottata.**

**5. Tul il-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-qafas finanzjarju, l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex tiffaċilita t-tmiem b'suċċess tal-proċedura.**

**<u>Pjani Finanzjarji</u>**

Dan huwa Artikolu dwar kif isir il-pjani finanzjarji ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, liema pjan finanzjarju jsir għal ħames snin, għalkemm l-estimi finanzjarji jitressqu kull sena.

Infakkru li anki l-Istati normalment jagħmlu pjani tagħhom għal aktar minn sena waħda u ħafna drabi għal ħames snin. Dan juri kemm għandna raġun ngħidu li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali għaliex anki l-fatt li tagħmel il-pjan tagħha għal Ħames snin u l-estimi finanzjarji kull sena juri dan.

Innutaw li jekk ma jkunx sar pjan u jkunu għaddew il-ħames snin, xorta waħda jibqgħu jinħarġu l-flus li kienu jinħarġu qabel sakemm fil-fatt isiru l-pjani l-ġodda.

Barra minn hekk, innutaw kif kollox isir permezz ta' liġi Ewropea ħalli kull Stat Membru ma jkun hemm l-ebda dubju li jkun marbut li joħroġ dak li jkun ordnat mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**SEZZJONI 2**

**IL-BUDGET ANNWALI TA' L-UNJONI**

**ARTIKOLU III-403**

**Is-sena finanzjarja għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru.**

**ARTIKOLU III-404**

**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-*budget* annwali ta' l-Unjoni skond id-disposizzjonijiet li ġejjin:**

**1. Kull Istituzzjoni għandha, qabel l-1 ta' Lulju, tfassal estimi tal-ħruġ tagħha għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tikkonsolida dawn l-estimi f'abbozz tal-*budget* li jista' jkun fih stimi differenti.**

**L-abbozz tal-budget għandu jkun fih stima tad-dħul u stima tal-ħruġ.**

**2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta li tinkludi l-abbozz tal-*budget* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru tas-sena ta' qabel dik li fiha l-*budget* għandu jiġi implimentat.**

**Il-Kummissjoni tista' temenda l-abbozz ta' l-*budget* tul il-proċedura sa meta l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, previst fil-paragrafu 5 hawn taħt, jiġi mlaqqa'.**

**3. Il-Kunsill għandu jadotta l-posizzjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-budget u jgħaddih lill-Parlament Ewropew sa mhux iktar tard mill-1 ta' Ottubru tas-sena qabel dik li fiha l-*budget* għandu jiġi implimentat. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'mod sħiħ bir-raġunijiet li wassluh biex jadotta l-posizzjoni tiegħu.**

**4. Jekk, fi żmien tnejn u erbgħin jum minn din il-komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew:**

**a) japprova l-posizzjoni tal-Kunsill, il-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* tkun adottata;**

**b) ma jkunx għadu ħa deċiżjoni, l-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* tkun titqies li ġiet adottata;**

**ċ) jadotta emendi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, l-abbozz emendat għandu jintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Il-President tal-Parlament Ewropew, bi ftehim mal-President tal-Kunsill, għandu immedjatament isejjah laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Madanakollu, jekk fi żmien għaxart ijiem minn meta jintbagħat l-abbozz, il-Kunsill tal-Ministri jinforma lill-Parlament Ewropew li jkun approva l-emendi kollha tiegħu, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni m'għandux jiltaqa'.**

**5. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandu jkun kompost mill-membri tal-Kunsill jew mir-rappreżentanti tagħhom u numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew, għandu l-kompitu li jilħaq qbil fuq test konġunt, b'maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill jew tar-rappreżentanti tagħhom u b'maġġoranza tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew fi żmien wieħed u għoxrin jum minn meta jissejjah, fuq bażi tal-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

**Il-Kummissjoni għandha tieħu parti fil-proċeduri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bl-iskop li tirrikonċilja l-posizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

**6. Jekk, fi żmien il-wieħed u għoxrin jum previsti fil-paragrafu 5, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jilħaq qbil fuq test konġunt, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom kull wieħed ikollhom perijodu ta' erbatax-il jum mid-data ta' dak il-ftehim biex jadottaw it-test konġunt.**

**7. Jekk fil-perijodu ta' erbatax-il jum previst fil-paragrafu 6:**

**a) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn japprovaw it-test konġunt jew jonqsu milli jieħdu deċiżjoni, jew jekk waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tapprova it-test konġunt filwaqt li l-oħra tonqos milli tieħu deċiżjoni, l-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* għandha tiġi meqjusa li hi adottata b'mod definittiv skond it-test konġunt, jew**

**b) kemm il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, kif ukoll il-Kunsill jirrifjutaw it-test konġunt, jew jekk waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tirrifjuta t-test konġunt filwaqt li l-oħra tonqos milli tieħu deċiżjoni, it-tnejn jistgħu jitolbu li jiġi sottomess abozz ta' *budget* ġdid mill-Kummissjoni, jew**

**ċ) il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, jirrifjuta t-test konġunt filwaqt li l-Kunsill japprovah, abbozz ġdid tal-*budget* għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni, jew**

**d) il-Parlament Ewropew japprova t-test konġunt, filwaqt li l-Kunsill jirrifjutah, il-Parlament Ewropew jista' fi żmien erbatax-il jum mid-data tar-rifjut tal-Kunsill u billi jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu u tlieta minn kull ħamsa tal-voti espressi, jiddeċiedi li jikkonferma l-emendi kollha li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4(ċ) jew parti minnhom. Jekk emenda tal-Parlament Ewropew ma tiġix konfermata, l-posizzjoni miftiehma fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni dwar l-intestatura tal-*budget* li hi suġetta għall-emenda għandha tkun approvata. Il-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* għandha tkun meqjusa bħala adottata b'mod definittiv fuq din il-bażi.**

**8. Jekk, fi żmien il-wieħed u għoxrin jum li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 5, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma jaqbilx fuq test konġunt, abbozz ġdid ta' *budget* għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni.**

**9. Meta l-proċedura prevista f'dan l-Artikolu tkun tlestiet, il-President tal-Parlament Ewropew għandu jiddikjara li l-liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* tkun ġiet adottata b'mod definittiv.**

**10. Kull istituzzjoni għandha teżerċita' l-poteri konferiti lilha bis-saħħa ta' dan l-Artikolu skond il-Kostituzzjoni u l-atti adottati taħtha, b'rigward partikolari għar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni u l-bilanċ bejn id-dħul u l-ħruġ.**

**<u>Kif Jitressaq u Jiġi Approvat il-Budget</u>**

Artikolu twil ħafna li qisu ma jispiċċa qatt dwar kif għandhom jitressqu u jiġu approvata l-estimi finanzjarji, jew kif jingħad il-***budget***, ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan l-Artikolu dwar il-proċedura ta' kif isiru l-estimi jew budget ma naħsbux li jinteressa lill-maġġoranza tal-poplu għalkemm m'hemmx dubju li jinteressahom mill-punt li jkollhom joħorġu t-taxxi għall-Unjoni Ewropea ħalli l-mexxejja tagħha jgħix ħajja ta' l-akbar sinjuri minn fuqhom.

Dan ma jfissirx li ma jinteressax lil ċerti nies, imma ma naħsbux li hemm il-ħtieġa li noqgħodu nikkummentaw fuqu aħna għaliex aħna ċerti li hemm ħafna minnhom li huma kapaċi joqgħodu jiflu d-dettalji tiegħu u jekk iħossu l-ħtieġa jippubblikaw xi studju dwaru li m'għandniex dubju li jkun interessanti.

**ARTIKOLU III-405**

**1. Jekk fil-bidu tas-sena finanzjarja l-ebda liġi Ewropea li tistabbilixxi l-*budget* ma tkun ġiet adottata b'mod definittiv, somma ekwivalenti għal mhux iktar minn wieħed minn kull tnax ta' l-approprjazzjonijiet tal-*budget* iskritti fil-kapitolu in kwistjoni tal-*budget* għas-sena finanzjarja preċedenti tista' tintnefaq kull xahar fir-rigward ta' kull kapitolu tal-*budget* skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-412; dik is-somma ma tistax, madankollu, tkun iktar minn wieħed minn kull tnax ta' l-approprjazzjonijiet stabbiliti fl-istess kapitolu ta' l-abbozz tal-*budget*.**

**2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, u bi qbil mal-kondizzjonijiet l-oħra previsti fil-paragrafu 1, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza ħruġ li jkun akbar minn wieħed minn kull tnax, skond il-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-412. Il-Kunsill għandu jgħaddi d-deċiżjoni immedjatament lill-Parlament Ewropew.**

**Id-deċiżjoni Ewropea għandha tistipula l-miżuri meħtieġa fir-rigward tar-riżorsi sabiex tiżgura l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, skond il-liġijiet Ewropej previsti fl-Artikolu I-54(3) u (4).**

**Għandha tibda sseħħ tletin jum wara l-adozzjoni tagħha jekk il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, ma jkunx iddeċieda li jnaqqas dan il-ħruġ f'dak it-terminu ta' żmien.**

**<u>Xahar b'Xahar</u>**

Fi kliem ieħor, l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jmexxu xahar b'xahar bi spejjeż li ma jkunux aktar milli kellhom approvati li jonfqu s-sena ta' qabel. Madankollu, kif jingħad fit-tieni subartiklu, il-Kunsill jista' fuq proposta tal-Kummissjoni, japprova li dan il-ħruġ aktar milli kien fis-sena ta' qabel.

Innutaw li jekk il-Parlament ma jaġixxix fi żmien tletin jum, dik id-deċiżjoni tal-Kunsill xorta waħda tidħol fis-seħħ.

**ARTIKOLU III-406**

**Skond il-kondizzjonijiet previsti fil-liġi Ewropea msemmija fl-Artikolu III-412, kwalunkwe approprjazzjoni, barra minn dawk assenjati għall-ispejjeż tal-persunal, li ma tkunx ġiet użata fl-aħħar tas-sena finanzjarja tista' tiġi mgħoddija għas-sena finanzjarja li jmiss biss.**

**L-approprjazzjonijiet għandhom jiġu kklassifikati taħt kapitoli differenti li jiġbru partiti ta' ħruġ skond in-natura jew l-iskop tagħhom u jiġu suddivizi skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412.**

**L-infiq:**
**- tal-Parlament Ewropew,**

**- tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill,**

**- tal-Kummissjoni, kif ukoll**

**- tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea**

**għandu jitniżżel f'sezzjonijiet separati tal-budget, mingħajr preġudizzju għal xi arranġamenti speċjali għal ċerti partiti ta' nfiq li huma komuni.**

**<u>Kif Jitqassmu l-Estimi</u>**

Dan l-Artikolu qiegħed jipprovdi kif għandhom jiġi maqsuma u ppreżentati l-estimi finanzjarji.

Kif jingħad fl-ewwel paragrafu, dak li ma jkunx intefaq dik is-sena barra mill-fondi ta' salarji jistgħu jintużaw fis-sena ta' wara, imma dawn jistgħu jintużaw is-sena ta' wara biss u ma jistgħux jibqgħu jiġu mmexxija minn sena għall-oħra.

Anki kif inhuwa maqsum l-infieq juri kif l-Unjoni Ewropea hija Stat, f'dan il-każ Stat Federali, għaliex kif isir f'kull Stat u pajjiż, kull istituzzjoni bħal kull ministeru jrid ikollha l-estimi finanzjarji tagħha għaliha separati mil-istituzzjonijiet l-oħra.

## SEZZJONI 3

## IMPLIMENTAZZJONI TAL-*BUDGET* U KWITTANZA

## ARTIKOLU III-407

**Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-*budget* f'operazzjoni ma' l-Istati Membri, skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412, fuq ir-responsabbilta' proprja tagħha u fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet allokati, filwaqt li tqis il-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw mal-Kummissjoni sabiex jassiguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw skond dawk il-prinċipji.**

**Il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-318 għandha tistabbilixxi l-obbligi ta' kontroll u ta' verifika ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-*budget* u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw minnhom. Hi għandha tistabbilixxi r-responsabbilitajiet u r-regoli dettaljati għal kull istituzzjoni dwar il-parti li tolqot il-ħruġ tagħha.**

**Fi ħdan il-*budget*, il-Kummissjoni tista' bla ħsara għal-limiti u l-kondizzjonijiet previsti fil-liġijiet Ewropej imsemmija fl-Artikolu III-412, tagħmel trasferimenti ta' approprjazzjonijiet minn kapitolu għal ieħor jew minn suddivizjoni għal oħra.**

**<u>Kontroll u Verifika</u>**

Waqt li huwa tajjeb li l-Istati Membri joqgħodu attenti li l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jonfoq il-flus tajjeb u skond ma jkun ġie approvat fl-estimi finanzjarji, innutaw kif fit-tieni paragrafu jingħad li l-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-obbligi ta' l-Istati Membri ta' kontroll u verifika kif ukoll ir-risponsabbiltajiet tagħhom għal dan il-għan.

Dan ifisser li kemm l-Istati Membri jkunu jistgħu jsusu wara l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex jaraw kemm ikunu qegħdin jimxu ma' l-estimi jiġi wkoll deċiż b'din il-liġi.

Innutaw ukoll kif il-Kummissjoni qiegħda tingħata l-jedd li tagħmel trasferimenti tal-budget minn kapitolu għal ieħor u anki minn suddiviżjoni għal oħra minkejja li ma jkunux ġew approvati għal hekk.

Kollox deċiż mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' liġijiet Ewropej, jew aħjar ta' l-Unjoni Ewropea għaliex l-Unjoni Ewropea m'hijiex l-Ewropa, imma l-arroganza tal-mexxejja tagħha m'għandha l-ebda limitu.

## ARTIKOLU III-408

**Il-Kummissjoni għandha tissottometti annwalment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-kontijiet tas-sena finanzjarja preċedenti li għandhom x'jaqsmu**

**mat-tħaddim tal-*budget*. Il-Kummissjoni għandha wkoll tgħaddilhom dikjarazzjoni finanzjarja ta' l-assi u r-responsabbiltajiet ta' l-Unjoni.**

**Il-Kummissjoni għandha wkoll tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' valutazzjoni dwar il-finanzi ta' l-Unjoni bbażati fuq ir-riżultati miksuba, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skond l-Artikolu III-409.**

**Obbligi Dwar l-Estimi Finanzjarji**

Artikolu dwar l-obbligi tal-Kummissjoni dwar l-estimi finanzjarji. Hawnhekk tajjeb li nfakkru li l-kontijiet tal-Kummissjoni nfisha ilhom aktar minn għaxar snin ma jiġu approvati, u fejn fl-Unjoni Ewropea jkun hemm mijiet jew eluf ta' miljuni li jisparixxu kull sena mingħajr ħadd ma jkun jaf x'sar minnhom.

## ARTIKOLU III-409

**1. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, għandu jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*. Għal dan l-iskop, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew warajh għandhom jeżaminaw il-kontijiet, id-dikjarazzjoni finazjarja u r-rapport ta' valutazzjoni previsti fl-Artikolu III-408, kif ukoll ir-rapport annwali mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mat-tweġibiet ta' l-istituzzjonijiet taħt verifika għall-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni prevista fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu III-384(1) u kull rapport speċjali rilevanti mill-Qorti ta' l-Awdituri.**

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni li l-kelma kwittanza tfisser ħelsien, li fil-każ li qegħdin naraw, il-flus jinħelsu biex ikunu jistgħu jittieħdu mill-istituzzjonijiet li għalihom ikunu vvutati.

**2. Qabel ma jagħti kwittanza lill-Kummissjoni, jew għal kull skop ieħor in konnessjoni ma' l-eżerċizzju tal-poteri tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-*budget*, il-Parlament Ewropew jista' jitlob biex jisma' lill-Kummissjoni tagħti prova fir-rigward ta' l-eżekuzzjoni tal-ħruġ jew ta' l-operazzjoni tas-sistemi ta' kontroll finanzjarju. Il-Kummissjoni għandha tissottometti kull informazzjoni meħtieġa lill-Parlament Ewropew fuq talba ta' dan ta' l-ahhar.**

**3. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi kollha xierqa sabiex taġixxi fuq l-osservazzjonijiet fid-deċiżjonijiet li jagħtu kwittanza u fuq kwalunkwe osservazzjoni oħra mill-Parlament Ewropew rigward l-eżekuzzjoni tal-ħruġ, kif ukoll fuq kummenti li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-kwittanza adottati mill-Kunsill.**

**4. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u l-kummenti u b'mod partikolari dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lid-dipartimenti li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-*budget*. Dawn ir-rapporti għandhom ukoll jintbagħtu lill-Qorti ta' l-Awdituri.**

**Artikolu ta' Proċedura**

Artikolu ta' proċedura li m'hemmx għalfejn noqgħodu nikkunnentaw fuqu. Hawnhekk tajjeb li nerġgħu nfakkru li l-kontijiet tal-Kummissjoni ilhom għaxar snin ma jiġu approvati mill-Qorti ta' l-Awdituri għaliex lil-Kummissjoni ma tagħtix rendikont ta' mijiet ta' miljuni li jisparixxu kull sena.

## SEZZJONI 4

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

## ARTIKOLU III-410

**Il-qafas finanzjarju pluriennali u l-*budget* annwali għandhom jitfasslu f'euro.**

**Jitfasslu bl-Ewro**

Ma naħsbux li kien hemm għalfejn jingħad li l-budget għandu jitfassal fl-**ewro** għaliex wieħed jistenniha minħabba li l-**ewro** hija l-munita' ta' l-Unjoni Ewropea, imma għall-mexxejja ta' Unjoni Ewropea li jħobbu jaħbu xi ħaġa fost ħafna kliem f'xi Artiklu biex iqarrqu b'dak li jkun fejn iridu jkunu jridu li jkunu ċari.

## ARTIKOLU III-411

**Il-Kummissjoni tista' bil-kondizzjoni li tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati, tittrasferixxi fil-munita ta' wieħed mill-Istati Membri l-assi monetarji tagħha fil-munita ta' Stati Membru ieħor, sal-limitu neċessarju għall-użu ta' dawn l-assi monetarji għall-għanijiet previsti mill-Kostituzzjoni. Il-Kummissjoni għandha sa fejn possibbli tevita li tagħmel dawn it-trasferimenti jekk tippossjedi flus jew assi likwidi fil-muniti li għandha bżonn.**

**Il-Kummissjoni għandha tittratta ma' kull Stat Membru konċernat permezz ta' l-awtorita' maħtura mill-Istat. Fit-twettiq ta' l-operazzjonijiet finanzjarji il-Kummissjoni għandha timpjega s-servizzi tal-bank tal-ħruġ ta' l-Istat Membru konċernat jew ta' kull istituzzjoni finanzjarja oħra approvata minn dak l-Istat.**

**Aktar Qerq**

Hawnhekk għandu Artikolu ieħor ta' qerq. Dan għaliex l-ewwel nett l-Istati Membri kollha barra minn tlieta jew diġa' neħħew il-munita tagħhom u adottaw l-**ewro**, jew fil-każ ta' Stati Membri ġodda, intrabtu li jdaħħlu l-**ewro** fl-iqsar żmien possibbli u għalhekk awtomatikament tispiċċa l-munita tagħhom.

Għaldaqstant, żgur li l-Kummissjoni ma tistax tittrasferixxi l-**ewro** f'muniti li m'għadhomx jeżistu, l-Istati Membri l-antiki li għadhom ma adottawx l-**ewro** jistgħu jadottawh u għalhekk ma jibqax muniti nazzjonali, waqt li l-Istati Membri l-ġodda żgur li m'għandhomx muniti li jistgħu jservu ta' investiment.

Għalhekk, jekk l-Unjoni Ewropea tkun trid tagħmel kif jingħad f'dan l-Artikolu, dan tista' tibqa' tagħmlu biss sakemm l-Istati Membri kollha jkunu daħħlu l-**ewro** bħala munita tagħhom.

Hemm numru ta' affarijiet li wieħed jista' jaħseb dwarhom għalfejn qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea tista' tittrrasferixxi l-assi monetarji tagħha f'munita ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha.

Waħda hija li l-munita ta' xi Stat li għadu ma daħħalx l-**ewro** tant tkun sejra ħażin li jista' jkun hemm riperkussjonijiet serji ħafna fuq l-Unjoni Ewropea u biex tipprova tevita dawn ir-riperkussjonijiet, il-Kummissjoni tittrasferixxi ammont ta' flus fil-munita' ta' dak l-Istat Membru biex issostni l-munita tiegħu.

Madankollu, kif ġbidna l-attenzjoni, dan ma jkunx jista' jibqa' jsir malli l-Istati Membri jkunu adottaw il-munita ewro, għaliex b'hekk iridu bilfors ineħħu l-munita tagħhom li tispiċċa darba għal dejjem sakemm huma jibqgħu membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Min-naħa l-oħra, jista' jkun li anki l-**ewro** jkun sejjer ħażin u, bħala eżempju, l-lira sterlina tkun sejra tajjeb. Għalhekk l-Unjoni Ewropea tkun tista' tibdel numru ta' **ewros** fil-lira sterlina biex tnaqqas l-impatt fuq l-**ewro**.

Jista' jkun ukoll li jekk ikun hemm proġett fir-Renju Unit, fejn għadhom jużaw il-lira sterlina u l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda toħroġ sehemha għalih, jekk ma jkollhiex liri sterlini biżżejjed tkun tista' tittrasferixxi l-**ewros** f'liri sterlini.

Kif wieħed jista' jara, il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jippruvaw jaħsbu għal kollox f'dak li jkun jaqbel lilhom ħalli jekk jista' jkun ma jkollhomx problemi. Li jkun hemm problemi għall-Istati Membri ma jimpurtax.

## ARTIKOLU III-412

**1. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi:**
**a) r-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-budget u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet;**

**b) regoli li jorganizzaw il-kontroll tar-responsabbilta' ta' persuni involuti fil-finanzi, b'mod partikolari uffiċjali li jawtorizzaw u uffiċjali tal-kontijiet.**

**Il-liġi Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri.**

**2. Il-Kunsill għandu fuq proposta mill-Kummissjoni jadotta regolament Ewropew li jistabbilixxi l-metodi u l-proċeduri li permezz tagħhom id-dħul tal-budget previst taħt l-arranġamenti li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni għandhom isiru disponibbli għall-Kummissjoni, u l-miżuri li għandhom jiġu applikati, jekk ikun meħtieġ, biex jilħqu l-ħtiġiet ta' flus kontanti. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Qorti ta' l-Awdituri.**

**3. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu sal-31 ta' Diċembru 2006 fil-każijiet kollha previsti f'dan l-Artikolu.**

## Artikolu Dwar Kontrolli

Artikolu dwar il-kontrolli li għandhom isiru biex il-flus ivvutati jintefqu sewwa u kif ikunu ġew ivvutati. Madankollu, tinsewx li minkejja l-kontrolli li suppost għandha l-Unjoni Ewropea, xorta waħda mijiet ta' miljuni jisparixxu kull sena fil-bir tas-skieken.

Tgħid tassew kif isostnu xi wħud li l-Unjoni Ewropea għandha programm sigriet ta' armamenti u għajnuna lil dittaturi speċjalment fil-pajjiżi li kienu kolonji ta' l-Istati Membri tagħha biex tkun ċerta li jkun hemm kontinwazzjoni ta' żejt u materja prima oħra meħtieġa mill-Unjoni Ewropea u jkun hemm gvernijiet meqjusa bħala ħbieb tagħha f'dawn il-pajjiżi?

L-aktar ħaġa li tridu tinnutaw hija li l-Kunsill għandu jaġixxi unanimament sal-31 ta' Diċembru 2006. **Dan ifisser li wara dik id-data, il-Kunsill ma jibqax jaġixxi unanimament u b'hekk jispiċċa l-jedd tal-Veto ta' l-Istati Membri**.

Qegħdin taraw kif il-jeddijiet kollha li kellhom l-Istati Membri li jwaqqfu xi ħaġa li ma jkunux jaqblu magħha kollha qegħdin jispiċċaw fix-xejn.

Qegħdin taraw kif it-tneħħija ta' adwn il-jeddijiet tispiċċa f'xi rokna f'xi Artikolu biex tintilef fost il-kitba l-oħra ħalli jekk jista' jkun ma tantx tagħti fil-għajn u jekk tqum kwistjoni jkun jista' jingħad mill-Unjoni Ewropea li dak kien ġie approvat?

Barra minn hekk, il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jaħsbu li din il-Kostituzzjoni sejra tgħaddi mill-Istati Membri kollha. X'jiġri jekk ma tgħaddix?

### ARTIKOLU III-413

**Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li l-mezzi finanzjarji jkunu disponibbli biex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi.**

## Ikunu Ċerti li l-Istati Membri Joħorġu Sehemhom

Fi kliem ieħor, ikunu żguri li l-Istati Membri joħorġu sehemhom u jħallsu dak kollu meħtieġ biex l-Istat federali ta' l-Unjoni Ewropea jkollha l-flus meħtieġa ħalli dak li l-mexxejja tagħha jkunu iffirmaw jew wegħdu lil pajjiżi terzi jkun jista' jingħatalhom.

### ARTIKOLU III-414

Laqgħat regolari bejn il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jissejjħu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni taħt il-proċeduri tal-budget previsti f'dan il-Kapitolu.

Il-Presidenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jippromwovu konsultazzjoni kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni tal-posizzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet li jippresjedu fuqhom sabiex l-implimentazzjoni ta'dan il-Kapitolu tiġi ffaċilitata.

**Il-Presidenti Medjaturi**

Hawnhekk għandna Artikolu dwar kif il-Presidenti tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jirrikonċiljaw lill-partijiet li tagħhom huma l-Presidenti biex jippruvaw jiftehemu fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil.

Waqt li huwa tajjeb li jkun hemm qbil, irridu niftakru fejn qegħdin tassew is-setgħat u min għandu l-akbar setgħat biex jagħmel l-affarijiet fl-Unjoni Ewropea u min l-aktar li jista' jċedi mill-posizzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, dan ifisser li l-Presidenti jistgħu jiftehemu bejniethom fuq il-kwistjoni u jippruvaw jinfluwenzaw lill-partijiet li tagħhom huma Presidenti biex jaċċettaw dak li jkunu ftehemu huma fuqu, għalkemm dan jista' jsir b'mod diskret ħalli kemm jista' jkun ma jqajjmux suspetti ta' ftehim bejniethom.

## SEZZJONI 5

## ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

## ARTIKOLU III-415

**1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiġġieldu kontra l-frodi u kull attivita' oħra illegali li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni permezz ta' miżuri meħuda skond dan l-Artikolu. Dawn il-miżuri għandhom iservu bħala deterrent u jkunu tali li joffru protezzjoni effettiva fl-Istati Membri kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha ta' l-Unjoni.**

**2. Biex jiġġieldu kontra frodi li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-istess miżuri li jieħdu biex jiġġieldu kontra frodi li tolqot l-interessi finanzjarji tagħhom stess.**

**3. Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tal-Kostituzzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom immirata lejn il-protezzjoni ta' l-interessi finazjarji ta' l-Unjoni kontra l-frodi. Għal dan l-iskop għandhom jorganizzaw, flimkien mal-Kummissjoni, koperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti.**

**4. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-frodi li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni bl-iskop li tingħata protezzjoni effettiva u ekwivalenti fl-Istati Membri kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha ta' l-Unjoni. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri.**

**5. Il-Kummissjoni, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha kull sena tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.**

**<u>L-Istati Membri Jridu Jħarsu l-Interessi ta' l-Unjoni</u>**

Waqt li ninnutaw li l-frodi ma huwa tajjeb għal ħadd, innutaw kif l-Istati Membru qegħdin jiġu obbligati jħarsu l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea, naturalment bi spejjeż tagħhom stess.

Huwa għalhekk li kien intqal lill-gwardjani tad-dwana li issa xogħolhom huwa li jħarsu l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u mhux aktar ta' Malta, għaliex iridu joqgħodu attenti biex jinġabar id-dazju u l-levies għall-Unjoni Ewropea fuq kull ma jiddaħħal li ma jkunx ġej mingħand xi Stat Membru ieħor.

Tgħid għad naraw Dwana effiċjenti kif qatt ma kienet meta kienet tħares biss l-interessi tal-Gvern u tal-poplu Malti, imma issa li se tibda tħares l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea ssir effiċjenti ħafna kif qatt ma kienet qabel?

**<u>Tħaris ta' l-Interessi b'Liġi Ewropea</u>**

Innutaw ukoll kif l-Unjoni Ewropea lanqas tafda lill-Istati Membri, imma kif jingħad fis-subartikolu 4, **"liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-frodi li tolqot l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni bl-iskop li tingħata protezzjoni effettiva u ekwivalenti fl-Istati Membri kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha ta' l-Unjoni.**

B'hekk, kollox ikun regolat mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonjiet tagħha biex tkun żgura li l-Istati Membri jkunu kkontrollati f'kollox.

Nerġgħu ngħidu li huwa tajjeb ukoll li jitħarsu l-finanzi ta' l-Unjoni Ewropea għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jridu jagħmlu tajjeb għall-flejjes kollha ta' l-Unjoni Ewropea, imma nfakkru wkoll li l-Unjoni Ewropea qiegħda ddaħħal baxx baxx ċerti regolamenti, fosthom il-mandat ta' arrest Ewropew, li kollha kienu maħsuba fil-liġi nfami tagħha magħrufa bħala ***Corpus Juris***.

**Infakkru li fost il-miżuri li kien hemm maħsuba f'din il-liġi nfami hemm l-arrest għal sitt xhur li jiġi mtawwal bi tliet xhur jekk ikun hemm anki biss suspett li xi persuna tkun bi ħsieba tagħmel xi ħaġa kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea. Dan barra l-multi kbar u snin ta' ħabs li tista' titwaħħal kull persuna.**

**Hemm ukoll l-ittappjar tat-telefon, monitoraġġ tal-fax, e-mails, u l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni, il-qbid ta' kull dokument u kompjuters, it-twaqqif tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, il-mandat ta' arrest Ewropew fejn persuna tintbagħat fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jsiru l-proċeduri normali ta' estradizzjoni, u ħniżrijiet oħra bħal dawn li mhux il-waqt li niddiskutuhom f'dan il-ktieb.**

**Dawn kollha juru li l-Unjoni Ewropea hija Stat Totalitarju ħafna aktar milli jgħidu li kienet l-Unjoni Sovjetika li kienet tiġi akkużata li tispjuna fuq iċ-ċittadini tagħha.**

Dawn huma l-ħniżrijiet li daħħluna fihom il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** Maltin meta bil-qerq tagħhom flimkien mal-qerq tal-mexxejja ta' l-Unjni Ewropea daħħluna membri fiha.

Dawn huma l-ħniżrijiet li qablu magħhom il-federalisti li fasslu din il-ħniżrija ta' Kostituzzjoni li fosthom kien hemm ukoll rappreżentanti Maltin li min minnhom qabel ma' dal-ħniżrijiet ma jistħoqqilhomx jissejħu Maltin għaliex ittradew lill-poplu Malti u l-għażiża Malta tagħna.

Jekk ma qablux magħhom għandhom jgħidu ħalli l-poplu Malti jkun jaf.

Madankollu, dan kollu nistgħu nħassruh billi nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## KAPITOLU III

## KOPERAZZJONI MSAĦĦA

### ARTIKOLU III-416

**Kull koperazzjoni msaħħa għandha tħares il-Kostituzzjoni u d-dritt ta' l-Unjoni.**

**Din il-koperazzjoni m'għandha tikkomprometti la s-suq intern u lanqas il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. M'għandha tikkostitwixxi la ostakolu għal u lanqas diskriminazzjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, u lanqas m'għandha tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni bejniethom.**

**<u>Tħares il-Kostituzzjoni u d-Dritt ta' l-Unjoni</u>**

Infakkru li meta' jingħad dritt irridu nifhmu l-liġi, barra wkoll minn jedd, u għalhekk hawnhekk nifhmu l-Kostituzzjoni u l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea. Innutaw kif kollox irid ikun b'mod li jħares id-dritt ta' l-Unjoni Ewropea u mhux ta' l-Istati Membri, kif ukoll il-prinċipju jew l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea tas-suq ħieles mingħajr l-ebda xkiel.

Fi kliem ieħor, hawnhekk qegħdin naraw fil-prattika li qiegħda ssir Unjoni Ewropea ta' żewġ livelli. Dawk fuq quddiem li jżidu l-kooperazzjoni bejniethom, u l-oħrajn li ma jkunux magħhom.

### ARTIKOLU III-417

**Kull koperazzjoni msaħħa għandha tirrispetta l-kompetenzi, d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fiha. Dawk l-Istati Membri m'għandhomx jimpedixxu l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri parteċipanti.**

**<u>Unjoni Ewropea ta' Żewġ Klassijiet</u>**

Fi kliem ieħor, dawk l-Istati Membri li jkunu fuq quddiem ikomplu jimxu u jagħmlu li jridu u l-orħajn ma jistgħu jagħmlu xejn biex iżommuhom. Unjoni Ewropea ta' żewġ klassijiet. Dawk ta' fuq quddiem u dawk ta' fuq wara.

### ARTIKOLU III-418

**1. Meta koperazzjoni msaħħa tkun qed tiġi stabbilita, għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha basta li kwalunkwe kondizzjoni ta' parteċipazzjoni stabbilita mid-deċiżjoni Ewropea ta' awtorizzazzjoni tkun imħarsa. Għandha tkun ukoll miftuħa għalihom fi kwalunkwe ħin ieħor, sakemm kull kondizzjoni ta' dan it-tip u l-atti diga' adottati fi ħdan dak il-qafas, ikunu mħarsa.**

**Il-Kummissjoni u l-Istati Membri partecipanti f'koperazzjoni msaħħa għandhom jassiguraw li jippromwovu l-parteċipazzjoni mill-ikbar għadd possibbli ta' Stati Membri.**

**2. Il-Kummissjoni u, meta xieraq, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni għandhom iżommu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill regolarment infurmati bl-iżviluppi li jirrigwardaw il-koperazzjoni msaħħa.**

**Iridu l-Awtorizzazzjoni ta' l-Unjoni**

Fi kliem ieħor, dawk li jidħlu fil-koperazzjoni msaħħa jridu jaċċettaw id-deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tawtorizzahom biex jidħlu f'koperazzjoni msaħħa bejniethom.

Dan ifisser li mhux billi jkunu jridu jidħlu f'koperazzjoni msaħħa u jaqbdu u jidħlu, imma jridu l-awtorizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex jagħmlu hekk u jkollhom jaċċettaw ukoll kull kundizzjoni li tista' tagħmlilhom.

Barra minn hekk, dawk kollha li jidħlu wara fil-koperazzjoni msaħħa jkunu jridu jaċċettaw dak kollu li dawk ta' qabilhom ikunu ddeċiedew u dak kollu li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea. Xejn aktar u xejn anqas.

## ARTIKOLU III-419

**1. L-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa bejniethom f'wieħed mill-oqsma koperti mill-Kostituzzjoni, bl-eċċezzjoni ta' l-oqsma ta' kompetenza esklużiva u tal-politika estera u ta' sigurta' komuni, għandhom jindirizzaw talba lill-Kummissjoni, li fiha jispeċifikaw il-kamp ta' l-applikazzjoni u l-miri tal-koperazzjoni msaħħa proposti. Il-Kummissjoni tista' tissottometti proposta lill-Kunsill għal dak il-għan. Jekk ma tagħmilx proposta, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri konċernati dwar ir-raġunijiet għala ma tkunx għamlet hekk.**

**Awtorizzazzjoni għal koperazzjoni msaħħa għandha tingħata b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill, li għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jiskeb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.**

**L-Applikazzjoni Skond il-Qasam**

Innutaw li l-ewwel nett l-Istati Membri ma jistgħux iwaqqfu koperazzjoni msaħħa bejniethom f'xi oqsma li l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva fihom, kif ukoll fl-oqsma tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Jekk il-koperazzjoni msaħħa tkun f'xi qasam ieħor, l-Istati Membri lanqas ma jistgħu jaqbdu u jagħmlu dik il-koperazzjoni, imma jridu jagħmlu applikazzjoni lill-Kummissjoni, jinfurmawha bid-dettalji kollha, u jekk il-Kummissjoni taqbel, tagħmel proposta lill-Kunsill.

Madankollu, il-Kummissjoni tista' ma tagħmilx din il-proposta, imma f'dan il-każ trid tinforma lill-Istati Membri li jkunu jridu dik il-koperazzjoni msaħħa għalfejn m'għamlitx il-proposta.

Dan ma jfissirx li l-Kunsill sempliċiment jagħti tweġiba u jsir dak li jkunu jridu jagħmlu dawk l-Istati Membri, imma jekk ikun favur, iressaq il-proposta quddiem il-Parlament Ewropew biex jikseb l-approvazzjoni tiegħu u wara ssir liġi Ewropea biex tawtorizza lil dawk l-Istati Membri biex jagħmlu l-koperazzjoni msaħħa.

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** biex jagħmlu dak li jqisu li jkun fl-aħjar interess tagħhom kif għandu dritt kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**?

Għandna raġun ngħidu li l-Unjoni Ewropea diġa' hija Stat Federali meta l-Istati Membri jridu l-permess ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex jagħmlu xi ħaġa, u li l-approvazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni tkun l-aħħar pass uffiċjali fit-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Qegħdin taraw kif pass wara pass wara pass il-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jaslu għall-għan aħħari tagħhom li jwaqqfu Stat Federali Ewropew bl-isem ta' Unjoni Ewropea?

<u>**Applikazzjoni Għand il-Kunsill**</u>

**2. It-talba ta' l-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qafas tal-politika estera u tas-sigurta' komuni, għandha tkun indirizzata lill-Kunsill. Għandha tintbagħat lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, li għandu jagħti opinjoni dwar jekk il-koperazzjoni msaħħa kontemplata hijiex konsistenti mal-politika estera u ta' sigurta' komuni ta' l-Unjoni, u lill-Kummissjoni, li għandha tagħti l-opinjoni tagħha b'mod partikolari dwar jekk il-koperazzjoni msaħħa proposta hijiex konsistenti mal-politika l-oħra ta' l-Unjoni. Għandha wkoll tintbagħat lill-Parlament Ewropew għal tagħrif.**

**L-awtorizzazzjoni għal koperazzjoni msaħħa għandha tingħata b'deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu.**

Proċess ieħor li jridu jgħaddu minnu l-Istati Membri jekk ikunu jridu jsaħħu l-koperazzjoni bejniethom fl-oqsma tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Innutaw kemm għandu saħħa l-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea meta l-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u lill-Kummissjoni li għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq it-talba ta' l-Istati Membri, waqt li l-Parlament ikun sempliċiment mgħarraf.

Qed taraw kemm qarrqu bikom dawk kollha li qalulkom kemm il-Parlament Ewropew, jew aħjar ta' l-Unjoni Ewropea, għandu saħħa? Tista' tibqa' temmen lil min qarraq bik?

## ARTIKOLU III-420

**1. Kull Stat Membru li jixtieq jipparteċipa f'operazzjoni msaħħa li tkun għaddejja f'waħda mill-oqsma previsti fl-Artikolu III-419(1) għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.**

**Il-Kummissjoni għandha, fi żmien erba' xhur mid-data li tirċievi n-notifika, tikkonferma l-parteċipazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat. Għandha tieħu nota meta neċessarju li l-kondizzjonijiet kollha ta' parteċipazzjoni ġew sodisfatti u għandha tadotta kull miżura transitorja meqjusa neċessarja rigward l-applikazzjoni ta' l-atti diga' adottati fil-qafas ta' koperazzjoni msaħħa.**

**Madanakollu, jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni ma ġewx sodisfatti, għandha tindika l-arrangamenti li għandhom jiġu adottati biex jiġu sodisfatti dawk il-kondizzjonijiet u għandha tistabbilixxi żmien perentorju biex terġa' tiġi eżaminata mill-ġdid it-talba. Meta jiskadi dak iż-żmien perentorju, għandha terġa' teżamina t-talba skond il-proċedura stipulata fit-tieni subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li xi kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni jkunu għadhom ma ġewx sodisfatti, l-Istat Membru konċernat jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill, li għandu jiddeċiedi fuq dik it-talba. Il-Kunsill għandu jaġixxi skond l-Artikolu I-44(3). Jista' wkoll jadotta l-miżuri transitorji previsti fit-tieni subparagrafu fuq proposta mill-Kummissjoni.**

**<u>Il-Kummissjoni Tiddeċiedi Kollox</u>**

Hawnhekk għandna dak li jrid isir jekk Stat Membru li jkun irid jidħol f'operazzjoni msaħħa. Innutaw kif Stat Membru lanqas jista' jaqbad u jidħol ma' l-Istati Membri l-oħra, imma qabel irid jitlob il-permess mingħand il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ministri.

Ikun wara li l-Kummissjoni tara jekk jissodisfax il-ħtiġijiet kollha li jkunu laħqu ttieħdu li tiddeċiedi jekk għandux jitħalla jew le, u x'għandu jagħmel biex jirranġa ħalli jkun jista' jitħalla jidħol.

Anki l-Kunsill tal-Ministri jista' jagħmel arranġamenti transitorji, jiġifieri arranġamenti sakemm dak l-Istat Membru jkun issodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa biex jidħol fis-sistema.

It-tieni subartikolu huwa dwar dak li għandu jsir jekk l-operazzjoni li jkun irid jieħu sehem fiha dak l-Istat Membru jkollha x'taqsam mal-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

F'dan il-każ, ikun il-Kunsill li jadotta l-miżuri u l-perjodu perentorju li jkun irid jieħu dak l-Istat Membru u mhux il-Kummissjoni.

Tajjeb li nfissru xi jfisser **żmien jew terminu perentorju**.

Dan ifisser li jekk jgħaddi dak iż-żmien ma jkunx jista' jerġa' jiġġedded jew jittawwal, imma, fil-każ tas-subartiklu li qegħdin naraw, malli jgħaddi dak iż-żmien

terġa' tiġi eżaminata t-talba ta' dak l-Istat Membru biex jieħu sehem u jekk il-kundizzjonijiiet biex jagħmel hekk ikunux sodisfatti.

Fuq Tlieta Toqgħod il-Borma

**2. Kull Stat Membru li jixtieq jipparteċipa f'operazzjoni msaħħa li tkun għaddejja fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurta' komuni, għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u lill-Kummissjoni.**

**Il-Kunsill għandu jikkonferma l-parteċipazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat, wara li jikkonsulta l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u wara li jinnota fejn meħtieġ li l-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni jkunu ġew sodisfatti. Il-Kunsill fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jista' wkoll jadotta kwalunkwe miżura transitorja li tkun meħtieġa fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-atti diga' adottati fil-qafas ta' koperazzjoni msaħħa. Madanakollu, jekk il-Kunsill jikkunsidra li l-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni ma jkunux ġew sodisfatti, hu għandu jindika l-arranġamenti li għandhom jiġu adottati biex jiġu sodisfatti dawk il-kondizzjonijiet u għandu jistabbilixxi terminu perentorju biex terġa' tiġi eżaminata t-talba għal parteċipazzjoni.**

**Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu u skond l-Artikolu I-43(3).**

Innutaw li fejn jdħlu l-Istati Membri hemm ħafna affarijeit li jridu jiġu eżaminati, imma meta l-Unjoni Ewropea tara li xi Stat Membru jew Stati Membri m'humiex jimxu skond ma jidrilhom l-istituzzjonijiet tagħha malajr joħorġu deċiżjonijiet, direttivi jew regolamenti ħalli jġibuhom fejn iridu huma.

## ARTIKOLU III-421

**Il-ħruġ li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' koperazzjoni msaħħa, minbarra l-ispejjeż amministrattivi magħmula mill-istituzzjonijiet, għandu jkun addebitat lill-Istati Membri parteċipanti, sakemm il-membri kollha tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu wara li jkunu kkonsulta lill-Parlament Ewropew, ma jiddeċiedux mod ieħor.**

Xorta Waħda Noħorġu Sehemna

Waqt li min-naħa jingħad li l-Istati Membri li jkunu fil-kooperazzjoni msaħħa joħorġu l-ispejjeż huma, l-ispejjeż amministrattivi jsiru mill-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, minkejja li Malta tista' ma tkunx fil-kooperazzjoni msaħħa, xorta waħda nkunu qegħdin noħorġu sehemna mit-taxxi tagħna biex nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' l-amministrazzjoni tas-sistema.

Barra minn hekk, innutaw li jingħad li dan jiġri sakemm il-Kunsill tal-Ministri ma jiddeċiedix mod ieħor. Dan ifisser li l-Kunsill tal-Ministri jista' jiddeċiedi wkoll li l-

ispejjeż jew joħorġuhom kollha l-Istati Membri jew li toħroġhom kollha l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li jekk il-Kunsill tal-Ministri jiddeċiedi li toħroġhom kollha l-Unjoni Ewropea, aħna xorta waħda nkunu qegħdin noħorġu sehemna, u għalhekk inkunu qegħdin nieħsu sehem fl-azzjonijiet kollha li l-Istati Membri l-oħra jkunu qegħdin jieħdu u mhux biss fl-amministrazzjoni.

B'dan il-mod, kull min jisfa' attakkat jew isir indħil fl-affarijiet interni tiegħu mill-Unjoni Ewropea sejjer iħares lejna wkoll bħala Stat li attakkah jew indaħal fl-affarijiet interni tiegħu għaliex inkunu qegħdin noħorġu sehemna biex isiru dawn l-affarijiet.

Anki kieku nkunu qegħdin noħorġu sehemna biss għall-amministrazzjonbi, xorta waħda qegħdin nesponu ruħna għal xi attakk għaliex xorta waħda għandna sehem mill-amministrazzjoni.

Qegħdin taraw kif l-affarijiet jikkomplikaw ruħom u kif minkejja li taħseb li inti m'intix tieħu sehem jew tħallas sehemhek, xorta waħda tkun qiegħed tieħu sehem fil-prattika f'dak kollu li jkun qiegħed isir?

## ARTIKOLU III-422

**1. Fejn disposizzjoni tal-Kostituzzjoni li tista' tiġi applikata fil-kuntest ta' koperazzjoni msaħħa tistipula li l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu, l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu I-44(3), jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li se jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.**

**2. Fejn disposizzjoni tal-Kostituzzjoni li tista' tiġi applikata fil-kuntest ta' koperazzjoni msaħħa tistipula li l-Kunsill għandu jadotta liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej skond proċedura leġislattiva speċjali, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu I-44(3), jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li se jaġixxi skond il-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

**3. Il-Paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.**

**<u>Aktar Qerq mill-Unjoni</u>**

Hawnhekk naraw ukoll il-qerq tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex waqt li fl-ewwel Artikoli tal-Kostituzzjoni jingħad li f'ċerti ċirkostanzi l-Kunsill tal-Ministri jrid jaġixxi unanimament, lejn l-aħħar tal-Kostituzzjoni meta' wieħed ikun xeba' jaqra jdaħħlu Artikolu li jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Kunsill tal-Ministri biex jekk irid jaġixxi b'maġġoranza minkejja li suppost jaġixxi unanimament.

Fi kliem ieħor, hawnhekk l-istess Kunsill qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa li fejn tidħol il-koperazzjoni msaħħa, minkejja li l-Kostituzzjoni tgħid li għandu jiddeċiedi

unanimament, jekk jidhirlu jista' jiddeċiedi li minflok unanimament jista' jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

L-istess jista' jagħmel biex jgħaddi liġi jew liġi kwadru Ewropea fejn jingħad li din trid tgħaddi bil-proċedura speċjali. Hawnhekk, il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi unanimament u wara li jikkonsulta lill-Parlamet Ewropew, jiddeċiedi li ma jaġixxi bil-proċedura legislattiva speċjali, imma bil-proċedura ordinarja.

Dan ifisser li effettivament, il-Kunsill ikun qiegħed jibdel il-Kostituzzjoni li issa trid issib il-qbil ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom fejn dawn sejrin jiġu konsultati għaliex m'għandhomx membri parlamentari arroganti, għaliex l-istess Kostituzzjoni qiegħda tagħtih dan il-jedd u s-setgħa, mingħajr ma l-Istati Membri jew aħjar il-Parlamenti nazzjonali u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jiġu konsultati.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea trid tqarraq f'dak kollu li tagħmel u kif tridu toqgħodu attenti għal kull kelma li tingħad jew li ma tingħadx, u tridu tagħmlu hekk f'kull Artikolu mill-bidu sa' l-aħħar?

L-Unika eċċezzjoni hija li l-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx fejn id-deċiżjonijiet għsndhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, imma xejn ma niskantaw li aktar 'il quddiem ikun hemm tibdik anki f'dawn l-affarijiet minħabba l-avventuri militari li wħud mill-Istati membri jħobbu jidħlu fihom.

## ARTIKOLU III-423

**Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw il-koerenza ta' attivitajiet meħuda fil-kuntest ta' koperazzjoni msaħħa u l-koerenza ta' dawn l-attivitajiet mal-politika ta' l-Unjoni, u għandhom jikkoperaw għal dak il-għan.**

### Koerenza fl-Attivitajiet

Fi kliem ieħor, li kollox ikun jaqbel ma xulxin u mhux l-ewwel isir mod imbagħad isir ieħor. Mhux biss, imma l-attivitajiet iridu jkunu jaqblu mal-politika ta' l-Unjoni Ewropea. Addio politika ta' l-Istai Membri. Li tgħodd hija biss il-politika ta' l-Unjoni Ewropea.

## TITOLU VII

## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

## ARTIKOLU III-424

**Kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali strutturali tal-Gwadalupa, il-Gujana Franċiża, Martinique, Reunion, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji, li hija ggravata minħabba li huma remoti, insulari, zgħar, b'topografija u klima diffiċli, ekonomikament dipendenti fuq numru zgħir ta' prodotti, u li l-permanenza u l-kombinazzjoni ta' dawn il-fatturi tolqot ħażin ħafna l-iżvilupp tagħhom, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta liġijiet, liġijiet kwadru, regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej immirati, b'mod partikolari, sabiex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Kostituzzjoni għal dawk ir-reġjuni, inkluża l-politika komuni. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

**L-atti previsti fl-ewwel paragrafu jikkonċernaw b'mod partikolari oqsma bħall-politika doganali u kummerċjali, il-politika fiskali, iż-żoni liberi, il-politika ta' l-agrikoltura u tas-sajd, il-kondizzjonijiet għall-provvista ta' materja prima u ta' prodotti essenzjali għall-konsumaturi, l-għajnuna mill-Istat u l-kondizzjonijiet ta' aċċess għal fondi strutturali u programmi orizzontali ta' l-Unjoni.**

**Il-Kunsill għandu jadotta l-atti previsti fl-ewwel paragrafu waqt li jqis l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet tar-reġjuni l-iktar 'l barra mingħajr ma jikkomprometti l-integrita' u l-koerenza ta' l-ordinament ġuridiku ta' l-Unjoni, inkluż is-suq intern u l-politika komuni.**

**<u>Territorji Speċjali</u>**

Hawnhekk għandna eżempju dwar kif Stati Membri li għandhom ċerta saħħa fl-Unjoni Ewropea irnexxilhom iġibu kundizzjonijiet speċjali għat-territorji tagħhom li huma gżejjer u maqtuha mill-kontinent Ewropew.

Innutaw kif waqt li territorji u gżejjer ta' Stati Membri oħra bħal ma huma Franza, Spanja u l-Portugall jingħataw trattament speċjali għaliex għandhom gvernijiet li jafu jinnegozjaw aħna ma ningħataw xejn.

Ara l-Unjoni Ewropea ma aċċettatx li aħna niġu meqjusa ma dawn il-gżejjer biex ningħataw trattament bħalhom minħabba li anki aħna aħna gżira u għandna l-istess żvantaġġi bħal ma għandhom dawn il-gżejjer, ninsabu maqtuha mill-kontinent Ewropew u m'għandniex materja prima u rridu nimpurtaw kollox, waqt li biex nesportaw irridu nagħmlu spejjeż ħafna akbar minn dawk li qegħdin fuq il-kontinent.

Daqshekk għandna gvern kapaċi jinnegozja u daqshekk tistmana l-Unjoni Ewropea li riedet lil Malta bħala membru biss biex terġa' ġġbna bażi militari kif diġa' erġajna ġejna bil-bastimenti tal-gwerra deħlin u ħerġin mill-portijiet tagħna qishom qegħdin ġewwa darhom u għamlu lil Malta latrina tagħhom.

Hawnhekk ukoll ma nafux kif it-tradutturi li qalbu kollox għall-ilsien Malti ma ħallewx it-territorju Franċiż ta' Guadeloupe bl-istess isem imma semmewh Gwadalupa. Ara Martinique u Reunion ħallewhom kif kienu. Forsi kellhom aptit jiċċajtaw waqt li qegħdin jitħallsu eluf kbar ta' liri mit-taxxi tagħna.

Irridu ninnutaw ukoll kif fl-aħħar paragrafu jidher bl-aktar mod ċar li minkejja li l-Unjoni Ewropea tagħti kundizzjonijiet speċjali għal dawn it-territorji, dan ma jistax jaffettwa l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan.

**ARTIKOLU III-425**

**Il-Kostituzzjoni m'għandha bl-ebda mod tippreġudika r-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sidien ta' proprjeta'.**

**Qerq Sfaċċat mill-Unjoni**

Innutaw il-qerq ta' dan l-Artikolu. Waqt li jingħad li din il-Kostituzzjoni m'għandhiex tippreġudika r-regoli li jirregolaw is-sistema tas-sidien ta' proprjeta' fl-Istati Membri, ma jissemmewx liġijiet u regolamenti oħra, u għalhekk kull liġi u regolament ieħor ta' l-Unjoni Ewropea jista' jirregola dak is-settur.

Dan diġa' qegħdin naraw l-effetti tiegħu meta l-Unjoni Ewropea tat biss ftit żmien lill-gvern Malti li jħalli li fih barranin mill-Unjoni Ewropea jistgħu jixtru dar waħda li malli jgħaddi jridu jingħataw bilfors il-jedd li jixtru proprjeta' kemm iridu.

Kieku ma tindaħalx kif l-Istati Membri jirregolaw is-sistema tas-sidien tal-proprjeta', għalfejn ordnat lill-Gvern Malti biex iħalli lill-barranin minn Stati Membri oħra jixtru kemm iridu artijiet u proprjeta' f'Malta u ordnat li ulied l-emigranti Maltin ma jistgħux jixtru proprjeta' f'Malta b'kundizzjonijiet aħjar mill-barranin minn Stati Membri oħra?

Qegħdin taraw kif ikun il-qerq ta' l-Unjoni Ewropea?

Dan huwa dak li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin sakemm nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna jedd u setgħa li nagħmlu.

**ARTIKOLU III-426**

**F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Unjoni għandha tgawdi mill-kapacita' ġuridika l-iktar wiesgħa mogħtija lil persuni ġuridiċi bil-liġijiet nazzjonali. B'mod partikolari, hija tista' takkwista jew tiddisponi minn proprjeta' mobbli u immobbli u tkun parti fi proċedimenti legali. Għal dan l-iskop, l-Unjoni għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni. Madanakollu, għandha tkun rappreżentata minn kull waħda mill-istituzzjonijiet, permezz ta' l-awtonomija amministrattiva tagħhom, fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-operat rispettiv tagħhom.**

**L-Unjoni Takkwista u Tiddisponi Artijiet u Proprjeta'**

Aħna nistaqsu. Mela l-Unjoni Ewropea tindaħal fir-regoli ta' l-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sidien tal-proprjeta'? Qegħdin nistaqsu għaliex l-Artikolu ta' qabel ma jgħidx hekk, anzi l-kontra.

Fi kliem ieħor, jekk għall-grazzja ta' l-argument l-Unjoni Ewropea tiddeċidi li trid tixtri xi biċċa art kbira għaliex għandha ħtieġa li tagħmel uffiċċji biex tagħti servizzi jew għal xi raġuni li jfettlilha, il-Gvern Malti jrid bilfors iħalliha tixtri dik l-art biex tagħmel dak l-uffiċċju. Innutaw kif bil-jedd kollu tikseb u tiddisponi minn proprjeta' mobbli u immobbli.

Dan barra li minħabba li tgawdi l-aktar kompetenza ġuridika estensiva, hija għandha kull jedd li kull persuna għandha, li tfittex għall-jeddijiet tagħha u tkun parti fi proċeduri legali.

Din ma hija xejn ħlief arroganza kbira mill-mexxejja ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom wiċċhom mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mil-għatba tal-Klistanija.

## ARTIKOLU III-427

**Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra ta' l-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' liġi Ewropea. Għandhom jkunu adottati wara konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet konċernati.**

**L-Unions Imħollija Barra**

Ara hawnhekk il-Kostituzzjoni ma tgħidx li għandhom jiġu konsultati l-għaqdiet, jiġifieri l-Unions tal-ħaddiema, imma l-istituzzjonijiet konċernati, jiġifieri l-istituzzjonijiet tagħha li l-ħaddiema jkunu jaħdmu magħhom.

Qegħdin taraw kemm jistmaw lill-għaqdiet tal-ħaddiema il-mexxejja arroganti u wiċċhom mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mil-għatba tal-Klistanija ta' l-Unjoni Ewropea?

Sewwa jgħid il-qawl li "**bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti**."

## ARTIKOLU III-428

**Il-Kummissjoni tista' fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet previsti b'regolament Ewropew jew b'deċiżjoni Ewropea adottati b'maġġoranza sempliċi mill-Kunsill, tiġbor kull tagħrif u twettaq kull kontroll meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti fdati lilha.**

**Spjunaġġ b'Liġi Ewropea**

Fi kliem ieħor, il-Kunsill tal-Ministri jista', b'maġġoranza sempliċi, jagħmel regolamenti jew jieħu deċiżjoni li kull Stat Membru jrid jagħti lill-Unjoni Ewropea permezz tal-Kummissjoni dak kollu li titlob, inkluża kull informazzjoni privata fuq iċ-ċittadini kollha tagħhom u li tordna lill-Istati Membri u hija stess tagħmel kull kontroll fit-territorju tagħhom.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea tista' anki tara l-formoli tat-taxxa tad-dħul u tal-VAT u kull taxxa oħra, kotba tan-negozju, kotba tal-banek, formoli ta' l-importazzjoni, il-kondotta ta' kull persuna u kull informazzjoni fuqha, u dak kollu li jkun jidrilha malli l-Kunsill tal-Ministri, tinsewx b'maġġoranza sempliċi, jagħtiha dek il-jedd u s-setgħa. **Qegħdin taraw kif spiċċa l-jedd tal-veto ta' l-Istati membri**?

Dak huwa li jfisser dan l-Artikolu. Xejn aktar u xejn anqas. Imbagħad kienu jgħidu għall-Unjoni Sovjetika li kienet Stat Totalitarju. Lanqas jistħu.

Qegħdin taraw għal x'hiex daħħluna dawk il-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin li bil-qerq tagħhom u l-qerq ta' l-Unjoni Ewropea?

L-unika triq biex neħilsu minn das-saram, madmad u jasar huwa li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**ARTIKOLU III-429**

**1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, miżuri għall-produzzjoni ta' statistiċi għandhom jiġu stabbiliti b'liġi jew liġi kwadru Ewropea fejn dawn huma meħtieġa għat-twettiq ta' l-attivitajiet ta' l-Unjoni.**

**2. Il-produzzjoni ta' l-istatistiċi għandha tirrispetta l-imparzjalita', l-affidabilita', l-oggettivita', l-indipendenza xjentifika, l-effikaċja fl-infiq u l-kunfidenzjalita' dwar l-istatistika ta' l-informazzjoni. M'għandhiex toħloq piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi.**

**Piż Suppost Mhux Żejjed**

Hawnhekk huwa ċar daqs il-kristall li l-Unjoni Ewropea tista' tordna permezz ta' liġi Ewropea biex tinġabar kull informazzjoni u statistika skond il-parametri li tagħmel hija stess.

Innutaw li jingħad li dan m'għandux jinvolvi piż żejjed, u hawn ifissru kull piżijiet inklużi dawk finanzjarji fuq operaturi ekonomiċi.

Dan ifisser li l-operaturi ekonomiċi, jiġifieri l-fabbriki, lukandi, tal-ħwienet, u kull negozju ieħor jista' jiġi ordnat mill-Unjoni Ewropea biex jagħtiha kull informazzjoni li titolbu, u minkejja li jingħad li dan m'għandux jinvolvi piżijiet eċċessivi, dan jista' jiswa 100,000 **ewro** jew madwar 40,000 Lira Maltin li m'huma xejn għal kumpanija kbira fil-Ġermanja, waqt li anki 10,000 ewro għal kumpanija Maltija huma ħafna.

Kemm, kif u liema kriterji sejra tuża l-Unjoni Ewropea biex tqis jekk il-ġbir ta' l-istatistika għaliha jkun jinvolvi piżijiet eċċessivi fuq operaturi ekonomiċi differenti fi Stati Membri differenti.

## ARTIKOLU III-430

**Il-membri ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, il-membri tal-kumitati kif ukoll l-uffiċjali u aġenti oħra ta' l-Unjoni għandhom ikunu meħtieġa, ukoll wara li l-kompiti tagħhom ikunu waqqfu, li ma jiżvelawx informazzjoni tat-tip kopert bl-obbligu tas-sigriet professjonali, b'mod partikolari informazzjoni dwar impriżi, ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew l-elementi ta' l-ispejjeż tagħhom.**

**<u>Sigriet Professjonali</u>**

Artikolu li wieħed jistenna, għaliex kull min ikollu xi tagħrif kunfidenzjali għandu jżomm dik il-kunfidenzjalita', mhux biss għaliex hekk għandu jkun, imma għaliex jekk l-informazzjoni ma tinqax kunfidenzjali, ħadd ma jibda' jafda la lill-uffiċjali u lanqas l-istituzzjonijiet li jiġbru l-informazzjoni.

Dan huwa l-istess bħal meta l-Uffiċċju ta' l-Istatistika jiġbor tagħrif, bħala eżempju, mingħand fabbriki. Jekk ma jkunx hemm fiduċja li t-tagħrif jibqa' kunfidenzjali ħadd ma jibda' jagħti t-tagħrif meħtieġ, jew jagħti tagħrif mhux tajjeb.

Għaldaqstant, anki l-forma ta' statistika ppubblikata tkun b'tali mod li fabbriki u entitajiet oħra li jkunu taw it-tagħrif ma jkunux jistgħu jintagħrfu mill-pubbliku permezz ta' l-istatistika.

## ARTIKOLU III-431

**Ir-responsabbilta' kuntrattwali ta' l-Unjoni għandha tkun irregolata bil-liġi applikabbli għall-kuntratt in kwistjoni.**

**Fil-każ ta' responsabbilta' mhux kuntrattwali, l-Unjoni għandha, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kull ħsara kkawżata mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-aġenti tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom.**

**Minkejja d-disposizzjonijiet tat-tieni paragrafu, l-Bank Ċentrali Ewropew għandu, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kull dannu li jikkawża jew li jiġi kkawżat mill-aġenti tiegħu fit-twettiq ta' dmirijiethom.**

**Ir-responsabbilta' personali ta' l-aġenti ta' l-Unjoni lejn din ta' l-aħħar għandha tkun regolata bid-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal jew fil-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg li japplikaw għalihom.**

**Danni Kawżati**

Ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea u tgħid li għandha tagħmel tajjeb għall-ħsara li hija jew l-impjegati tagħha jagħmlu, għaliex skond il-liġi kulħadd huwa risponsabbli ta' għemilu u jrid iħallas għad-danni li jikkawża, anki l-Gvern. X'tippretendi l-Unjoni Ewropea, li tagħmel il-ħsara u ma tħallasx?

Tajjeb li ninnutaw ukoll kif l-aġenti ta' l-Unjoni Ewropea permezz tar-Regolamenti tagħha dwar il-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg iżżomm personalment risponsabbli lill-aġenti tagħha jekk jikkawżaw xi danni.

Ara din ma tantx narawha hawn Malta, għaliex kieku tgħidx kemm ikun hemm uffiċjali li jkollhom iħallsu lura miljuni ta' liri li ntefqu u qegħdin jintefqu bl-addoċċ minn fuq it-taxxi taċ-ċittadini Maltin mingħajr l-ebda rendikont sodisfaċenti.

Araw kemm proġetti kien hemm li suppost swew daqstant u spiċċaw jiswew ħafna miljuni aktar jew li lanqas ma nafu kemm sejrin jiswew sakemm ikunu lesti, bħal ma huwa l-isptar Mater Dei, u ħadd ma jerfa' r-risponsabbilta' tagħhom.

## ARTIKOLU III-432

**Is-sede ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandha tkun determinata bi ftehim komuni tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri.**

**Is-Sede ta' l-Istituzzjonijiet**

Hawnhekk tajjeb li nfakkru kif kull Stat Membru jipprova li jieħu xi istituzzjoni għaliex dan iħalli qligħ mill-infieq li jagħmlu l-impjegati kif ukoll joħloq impjiegi għall-ħaddiema tiegħu.

Dan wieħed jista' jaraħ anki fil-kawżi li kien hemm minn Stati Membri biex iżommu istituzzjonijiet fit-territorju tagħhom, u eżempju minnhom tal-Parlament Ewropew fejn kull sena jmur minn Brussell għal Strasbourg biex iżomm xi laqgħat hemmhekk b'infieq ta' miljuni kbar ta' **ewros** mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

## ARTIKOLU III-433

**Il-Kunsill għandu jadotta b'mod unanimu regolament Ewropew li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-lingwi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea.**

**L-Ilsna Mhux Stmati Kollha l-Istess**

Hawnhekk qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għall-istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja għaliex l-ilsien tax-xogħol tal-Qorti huwa l-Franċiż, għalkemm kulħadd jista' jindirizza l-Qorti f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk, dan il-jedd li l-Qorti jaħdem bl-ilsien Franċiż qiegħed jiġi mħares fil-Kostituzzjoni.

Qegħdin taraw kemm l-ilsna ta' l-Istati Membri huma stmati kollha l-istess?

## ARTIKOLU III-434

**L-Unjoni għandha tgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tagħha, taħt il-kondizzjonijiet previsti fil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea.**

**<u>Privileġġi u Immunitajiet</u>**

Fi kliem ieħor, titqies bħal kull Stat, jew aħjar ir-rappreżentanti ta' kull Stat li meta jkunu fi Stat ieħor igawdu minn privileġġi u immunitajiet diplomatiċi. Fil-każ ta' l-Unjoni Ewropea, dan ifisser li tkun qegħda tingħata l-istess jeddijiet u tkun qegħda taġixxi permezz tad-diplomatiċi tagħha bħala Stat, f'dan il-każ bħala Stat Federali.

Qegħdin taraw jekk huwiex tassew dak li dejjem għedna li l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin miexjin pass wara pass wara pass biex jilħqu l-għan li dejjem kellhom li jwaqqfu l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

Tridu li nibqgħu biss rokna f'dan l-Istat Federali u taħt il-madmad, saram u jasar tiegħu, jew infittxu nitilqu 'l barra u nerġgħu nieħdu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu?

## ARTIKOLU III-435

**Id-drittijiet u l-obbligi li joriġinaw minn xi ftehim konkluż qabel l-1 ta' Jannar 1958 jew, għall-Istati aderenti, qabel id-data ta' l-adeżjoni tagħhom, bejn Stat Membru wieħed jew iktar min-naħa l-waħda, u pajjiż terz wieħed jew iktar min-naha l-oħra, m'għandhomx ikunu milquta mill-Kostituzzjoni.**

**Sakemm ftehim bħal dan ma jkunx inkompatibbli mal-Kostituzzjoni, l-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jiġu eliminati l-inkompatibilitajiet stabbiliti. L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jassistu lil xulxin għal dan l-iskop u għandhom, fejn ikun xieraq, jadottaw attitudni komuni.**

**Fl-applikazzjoni tal-ftehim previst fl-ewwel paragrafu, l-Istati Membri għandhom jqisu l-fatt li l-vantaġġi mogħtija skond il-Kostituzzjoni minn kull Stat Membru jiffurmaw parti integrali ta' l-Unjoni u huma b'hekk marbuta inseparabbilment mal-ħolqien ta' istituzzjonijiet li fuqhom ġew konferiti setgħat permezz tal-Kostituzzjoni u ma' l-għoti ta' vantaġġi identiċi mill-Istati Membri l-oħra kollha.**

**Ftehim Irid Jaqbel Bilfors mal-Kostituzzjoni**

Fi kliem ieħor, jekk Stat Membru jkun iffirma xi ftehim ma xi pajjiż ieħor qabel ikun sar membru, dak il-ftehim ma jiġix affettwat minn din il-Kostituzzjoni.

Madankollu, innutaw li jingħad li jekk dak il-ftehim ma jkunx jaqbel mal-Kostituzzjoni, l-Istat Membru għandu jagħmel ħiltu kollha ma' dak il-pajjiż li miegħu jkun sar il-ftehim jew Trattat biex jinbidel jew jiġi rranġat. Jekk ma jiġix affettwat għalfejn għandu jinbidel?

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li Malta kellha ftehim mal-Libja biex isir sajd flimkien, u kien intqal mill-Unjoni Ewropea fl-Avis tagħha wara l-applikazzjoni ta' Malta għas-sħubija li dak il-ftehim ma setgħax jiġi aċċettat mill-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk li dak il-ftehim kien spiċċa, għaliex kif kien qal xi ħadd, "**la l-Unjoni Ewropea trid hekk, ikollu jsir hekk**."

Infakkru li tissemma d-data ta' l-1 ta' Jannar 1958 għaliex minn dik id-data daħlu fis-seħħ it-Trattat dwar il-Komunita' Ekomonika Ewropea u t-Trattat Euratom dwar l-Enerġija Atomika, liema trattati kienu ġew iffirmati f'Ruma fil-25 ta' Marzu 1957 u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1958.

## ARTIKOLU III-436

**1. Il-Kostituzzjoni m'għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tar-regoli li ġejjin:**

**a) ebda Stat Membru m'għandu jkun obbligat jagħtu informazzjoni li jikkunsidra li l-iżvelar tagħha tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurta' tiegħu;**

**b) kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li jikkunsidra meħtieġa biex jipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurta' tiegħu, u li jkollhom x'jaqsmu mal-manifattura jew il-kummerċ ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra; dawn il-miżuri m'għandhomx jolqtu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern dwar prodotti li ma jkunux intiżi għall-skopijiet speċifikament militari.**

**2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' b'mod unanimu jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħmel bidliet għal-lista tal-15 ta' April 1958, tal-prodotti li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(b).**

**Manifattura u Kummerċ fl-Armanenti**

L-ewwel ma jrid jiġi nnutat huwa li fejn jidħlu l-armamenti, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex iħarsu l-interessi fil-manifattura ta' l-armamenti.

Dan għaliex ħafna Stati Membri jagħmlu l-armamenti u għandhom suq għalihom madwar id-dinja kollha, u l-Unjoni Ewropea jaqblilha li dawn ikomplu jiżviluppaw l-armamenti kemm għaliex iżidu d-dħul tagħhom u jħallsu aktar lill-Unjoni Ewropea kif ukoll għaliex hija stess ikolha għejjun ta' l-aħħar armamenti.

Ara hawnhekk m'hemmx skrupli dwar il-qerda li dawn l-armamenti jagħmlu, u li jinbiegħu lil gvernijiet dittatorjali sakemm dawn il-gvernijiet ikunu leali lejn l-Unjoni Ewropea minkejja li jkunu qed ijassru lill-popli tagħhom stess.

Imma pajjiżi oħra li ma tantx huma ħbieb ta' l-Unjoni Ewropea, in-**NATO** u l-Istati Uniti ta' l-Amerika jridu jeqirdulhom l-Armi kollha ħalli jkunu jistgħu jagħmlu bihom li jridu.

Fuq kollox, kemm taħsbu li ddum l-Unjoni Ewropea jekk tidħol din il-Kostituzzjoni qabel ma tibdel dan l-Artikolu minħabba l-armata tagħha?

Innutaw kif anki fl-armamenti l-Unjoni Ewropea tipprova ddaħħal ukoll l-Alla falz tagħha tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan, kif ukoll li l-lista' li tissemma ta' l-armamenti li tista' tinbidel mill-Kunsill tal-Ministri.

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni li ħafna mill-Artikoli li ġejjin huma biex isalvaw dak li kien sar qabel sakemm u jekk tidħol fis-seħħ din il-Kostituzzjoni.

## PARTI IV

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

### ARTIKOLU IV-437
### Tħassir ta' Trattati preċedenti

**1. Dan it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa għandu jħassar it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll dwar l-atti u t-trattati li ssupplimentaw jew emendaw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-atti u t-trattati li ssupplimentawhom u emendawhom, bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.**

**<u>It-Trattati Mħassra u Salvati</u>**

Fi kliem ieħor, jekk din il-Kostituzzjoni tgħaddi, it-trattati l-oħra li kien hemm qabel jispiċċaw kollha għaliex l-affarijiet kollha ġew miġbura f'din il-Kostituzzjoni, anzi ddaħħlu affarijiet oħra wkoll.

**2. It-Trattati ta' l-Adeżjoni:**

**a) tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,**

**b) tar-Repubblika Ellenika,**

**ċ) tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża,**

**d) tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja,**

**e) tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika tal-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, għandhom jiġu mħassra.**

**Madanakollu:**

**- id-disposizzjonijiet tat-Trattati li hemm referenza għalihom fil-punti (a) sa (d) u li huma stabbiliti jew previsti fil-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adezjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja għandhom jibqgħu fis-sehh u l-effetti legali tagħhom għandhom ikunu preservati skond dak il-Protokoll;**

- **id-disposizzjonijiet tat-Trattati li hemm referenza għalihom fil-punt (e) u li huma stabbiliti jew previsti fil-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika**

**ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka għandhom jibqgħu fis-seħħ u l-effetti legali tagħhom għandhom ikunu preservati skond dak il-Protokoll.**

**ARTIKOLU IV-438**
**Suċċesjoni u kontinwita' ġuridika**

**1. L-Unjoni Ewropea stabbilita b'dan it-Trattat għandha tkun il-werrieta ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u tal-Komunita' Ewropea.**

**2. Sakemm jiġu adottati disposizzjonijiet ġodda li jimplementaw dan it-Trattat, jew sa tmiem il-mandat tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji eżistenti fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan it-Trattat għandhom, bla ħsara għall-Artikolu IV-439, jeżerċitaw il-poteri tagħhom fis-sens ta' dan it-Trattat fil-komposizzjoni tagħhom f'dik id-data.**

**3. L-atti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji adottati fuq bażi tat-trattati, protokolli u atti mħassra permezz ta' l-Artikolu IV-437 għandhom jibqgħu fis-seħħ. L-effetti legali tagħhom għandhom jiġu ppreservati sakemm dawk l-atti jiġu mħassra, isiru nulli jew jiġu emendati fl-implementazzjoni ta' dan it-Trattat. L-istess għandu japplika għal kull ftehim konkluż bejn l-Istati Membri fuq bażi tat-trattati u atti mħassra permezz ta' l-Artikolu IV-437.**

**L-elementi l-oħra ta' l-acquis tal-Komunita' u ta' l-Unjoni li jeżistu fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ dan it-Trattat, b'mod partikolari l-ftehim interistituzzjonali, id-deċiżjonijiet u l-ftehim milħuqa mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, mlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, il-ftehim konklużi mill-Istati Membri dwar il-ħidma ta' l-Unjoni jew tal-Komunita' jew marbut ma' azzjoni ta' l-Unjoni jew tal-Komunita' d-dikjarazzjonijiet, inklużi dawk magħmulin fil-qafas ta' konferenzi governattivi, ir-risoluzzjonijiet jew il-posizzjonijiet oħra adottati mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill kif ukoll dawk dwar l-Unjoni jew il-Komunita' adottati bi ftehim komuni mill-Istati Membri, għandhom ukoll jiġu ppreservati sakemm jiġu mħassra jew emendati.**

**4. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-trattati u l-atti mħassra permezz ta' l-Artikolu IV-437, kif ukoll ta' l-atti u l-konvenzjonijiet adottati għall-applikazzjoni tagħhom, għandhom jibqgħu, mutates mutandis, il-fonti ta' interpretazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni u b'mod partikolari tad-disposizzjonijiet kumparabbli tal-Kostituzzjoni.**

**5. Il-kontinwita' fil-proċeduri amministrattivi u ġuridiċi mibdija qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan it-Trattat għandha tkun assigurata skond il-Kostituzzjoni. L-istituzzjonijiet u l-korpi responsabbli minn dawk il-proċeduri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa għal dak il-għan.**

**L-Unjoni Werrieta**

Dak li qiegħed jingħad f'dan l-Artikolu huwa li l-Unjoni Ewropea hija s-suċċessur u l-werrieta ta' dak kollu li sar skond it-Trattati ta' Qabel li huma msemmija.

Huma salvati wkoll l-atti kollha li għamlu l-istituzzjonijiet tagħha, jiġifieri bħal ma huma l-Kummissjoni u l-Kunsilli, kif ukoll konvenzjonijiet li kienu saru qabel.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea hija l-werrieta ta' kollox u ta' dak kollu li sar li sejjer jibqa' fis-seħħ.

## ARTIKOLU IV-439
## Disposizzjonijiet transitorji dwar ċerti istituzzjonijiet

**Id-disposizzjonijiet transitorji dwar il-komposizzjoni tal-Parlament Ewropew, dwar id-definizzjoni ta' maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill, inkluż dawk il-każijiet fejn mhux il-membri kollha tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill jivvutaw, u dwar il-komposizzjoni tal-Kummissjoni, inkluż il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, jinsabu fil-Protokoll dwar id-disposizzjonijiet transitorji rigward l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni.**

**Disposizzjonijiet Transitorji**

Dawn huma disposizzjonijiet li jkunu fis-seħħ sakemm tidħol, jekk tidħol imma nittamaw li qatt ma tidħol, fis-seħħ din il-Kostituzzjoni li għadna kif rajna u li jridu jagħmlu l-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU IV-440
## Il-Kamp ta' l-Applikazzjoni

**1. Dan it-Trattat għandu japplika għar-Renju tal-Belġju, r-Repubblika Ċeka, r-Renju tad-Danimarka, r-Repubblika Federali tal-ġermanja, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika Ellenika, r-Renju ta' Spanja, r-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, r-Repubblika Taljana, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Renju ta' l-Olanda, r-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika Portugiża, r-Repubblika tas-Slovenja, r-Repubblika Slovakka, r-Repubblika tal-Finlandja, r-Renju ta' l-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.**

**2. Dan it-Trattat għandu japplika għall-Gwadalupa, il-Gujana Franċiża, Martinique, Reunion, l-Azores, l-Madeira u l-Gżejjer Kanarji skond l-Artikolu III-424.**

**3. L-arranġamenti speċjali għall-assoċjazzjoni stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti III ta' dan it-Trattat għandhom japplikaw għall-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej elenkati fl-Anness II.**

**Dan it-Trattat m'għandux japplika għal pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li mhumiex inklużi f'dik il-lista.**

**4. Dan t-Trattat għandu japplika għat-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom hu responsabbli xi Stat Membru.**

**5. Dan it-Trattat għandu japplika għall-Gżejjer Aland bid-derogi li oriġinarjament dehru fit-Trattat previst fl-Artikolu IV-437(2)(d) tal-Kostituzzjoni u li ġew riprodotti fis-Sezzjoni V tat-Titolu V tal-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l- Isvezja.**

**6. Minkejja l-paragrafi 1 sa 5 preċedenti:**

**a) dan it-Trattat m'għandux japplika għall-Gżejjer Faeroe;**

**b) dan it-Trattat għandu japplika għal Akrotiri u Dhekelia, iż-żoni ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru, biss sa fejn hu meħtieġ biex jassigura l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti oriġinarjament previsti fil-Protokoll dwar iż-żoni ta' Bażi Sovrana tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'Ċipru, anness ma' l-Att ta' l-Adezjoni li hu parti integrali tat-Trattat previst fl-Artikolu IV-437(2)(e) tal-Kostituzzjoni, u li ġie riprodott fit-Titolu III tal-Parti II tal-Protokoll dwar it-Trattat u l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka;**

**ċ) dan it-Trattat għandu japplika għaċ-Channel Islands u l-Isle of Man biss sa fejn huwa meħtieġ biex tiġi aċċertata l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti għal dawk il-gżejjer oriġinarjament previsti fit-Trattat imsemmi fl-Artikolu IV-437(2)(a), u li ġie riprodott fis-Sezzjoni 3 tat-Titolu II tal-Protokoll dwar it-Trattati u l-Atti ta' l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża, u tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, u r-Renju ta' l-Isvezja.**

**7. Il-Kunsill Ewropew, fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru konċernat, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li temenda l-istatus, fir-rigward ta' l-Unjoni, ta' pajjiż jew territorju Daniż, Franċiż jew Olandiz previst fil-paragrafi 2 u 3. Il Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Kummissjoni.**

**<u>Stati Membri Speċjali</u>**

Hawnhekk naraw kif Stati Membri li huma kapaċi jinnegozjaw irnexxilhom li jġibu kundizzjonijiet speċjali u anki eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għal territorji li huma għandhom.

Dan jikkuntrasta bis-sħiħ ma dak li kellu jibla' l-Gvern Malti u n-negozjaturi tiegħu li ħlief jilgħaqu lill-barrani ma jafux jagħmlu, għaliex kellhom triq waħda. Dik li jdaħħlu lil Malta fil-kolonjaliżmu u l-jasar ta' l-Unjoni Ewropea u li għalhekk kellhom jaċċettaw dak kollu li jordna l-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU IV-441**
**Unjonijiet regjonali**

**Dan it-Trattat m'għandux jippreklud i l-eżistenza jew il-kisba ta' unjonijiet reġjonali bejn il-Belġju u l-Lussemburgu, jew bejn il-Belġju, l-Lussemburgu u l-Olanda, sa fejn il-miri ta' dawk l-unjonijiet reġjonali ma jintlaħqux mill-applikazzjoni tat-Trattat imsemmi.**

**<u>Stati Membri Oħra Speċjali</u>**

Dan l-Artikolu qiegħed isir minħabba li hemm għaqda bejn il-pajjiżi msemmija, tant li dawn huma magħrufa bħala l-pajjiżi **BENELUX**, li jekk tifluha tindunaw li din hija magħmula mill-ittri ta' dal-pajjiżi, jiġifieri **BE** – Belġju, **NE** Netherlands (jiġifieri l-Olanda), u **LUX** – Luxembourg.

**ARTIKOLU IV-442**
**Protokolli u Annessi**

**Il-Protokolli u l-Annessi ta' dan it-Trattat għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.**

**<u>Protokolli u Annessi</u>**

Dan huwa provvediment li qiegħed jiddikjara li l-Protokolli u l-Anessi jiffurmaw parti minn dan it-Trattat.

Dan għaliex waqt li jista' jkun hemm Trattat li jkollu Protokolli u Annessi oħra miegħu, l-istess Trattat jista' jkun jipprovdi li Stat li jiffirmah u jirratifikah jista' ma jiffirmax u jirratifika il-Protokolli u Annessi jew xi wħud minnhom.

Anzi jista' jkun jipprovdi wkoll li jkun hemm xi Artikoli tiegħu li Stat li jiffirmah u jirratifikah jista' jagħmel xi eċċezzjonijiet jew riservi għalihom.

Dwra dan nistgħu nieħdu l-eżempju tal-Konvenzjoni tar-Refuġjati tal-Ġnus Magħquda fejn Stat li jiffirmaha u jirratifikaha jista' jiddikjara minn liema pajjiżi jaċċetta refuġjati.

Hawnhekk tajjeb li nerġgħu nfakkru li meta l-Gvern Malti kien iffirma l-Konvenzjoni msemmija, kien għamel dikjarazzjoni li jaċċetta refuġjati biss mill-pajjiżi Ewropej.

Madankollu, matul it-taħdidiet biex Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea ġielhet lill-Gvern Malti biex ineħħi din ir-riserva.

Dan għaliex il-mexxejja tagħha kienu jafu li hemm miljuni ta' Afrikani lesti biex jidħlu fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u billi Malta kienet se tkun fuq il-fruntiera, l-immigranti illegali u l-problemi kbar tagħhom nitwikkew bihom aħna u mhux Stati Membri oħra li kienu esplojtawhom u kienu kolonizzaturi tagħhom.

Dan kien wieħed mit-tradimenti mill-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea u minn dawk il-**ĠUDIET** li ma jixirqilhomx li jissejħu Maltin li kienu qegħdin jagħmlu t-taħdidiet magħhom.

**ARTIKOLU IV-443**
**Proċedura ta' reviżjoni ordinarja**

**1. Il-gvern ta' kwalunkwe Stat Membru, il-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni jistgħu jissottomettu lill-Kunsill proposti għar-reviżjoni ta' dan it-Trattat. Dawn il-proposti għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill Ewropew mill-Kunsill u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu notifikati.**

**2. Jekk il-Kunsill Ewropew, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni, jadotta b'maġġoranza sempliċi deċiżjoni favur li jiġu eżaminati l-modifiki proposti, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jsejjah Konvenzjoni komposta minn rapprezentanti tal-Parlamenti nazzjonali, tal-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern ta' l-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu wkoll jiġi kkonsultat fil-każ ta' bidliet istituzzjonali fil-qasam monetarju. Il-Konvenzjoni għandha teżamina l-proposti għar-reviżjoni u għandha tadotta bi qbil ma' kulħadd rakkomandazzjoni lil konferenza ta' rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri kif stipulat fil-paragrafu 3.**

**Il-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi, wara li jiskeb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, biex ma jsejjaħx Konvenzjoni jekk dan ma jkunx ġustifikat mill-vastita' tal-modifiki proposti. Fil-każ ta' l-aħħar, il-Kunsill Ewropew għandu jiddefinixxi l-mandat għal konferenza tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri.**

**3. Konferenza tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandha tissejjah mill-President tal-Kunsill biex jiġu determinati bi ftehim komuni l-emendi li jridu jsiru lil dan it-Trattat.**

**Il-modifiki għandhom jibdew iseħħu wara li jiġu ratifikati mill-Istati Membri kollha skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.**

**4. Jekk, sentejn wara l-iffirmar tat-Trattat li jemenda dan it-Trattat, erbgħa minn hamsa ta' l-Istati Membri jkunu rratifikawh u Stat Membru wieħed jew iktar ikun iltaqa' ma' diffikultajiet fil-proceduri tar-ratifika, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Kunsill Ewropew.**

## Kif Tiġi Emendata l-Kostituzzjoni

Dan huwa l-mod kif suppost tiġi emendata l-Kostituzzjoni jekk Alla ħares qatt tgħaddi u tidħol fis-seħħ. Imma tajjeb li nfakkrukom kif ġbidna l-attenzjoni tagħkom fejn f'numru ta' Artikoli jingħad li l-Kunsill Ewropew jista' jawtorizza lill-Kunsill tal-Ministri li fejn il-Kostituzzjoni tgħid li xi ħaġa trid tgħaddi unanimament, jistgħu jgħadduha b'maġġoranza.

Effettivament, dan ikun ifisser li l-Kostituzzjoni tkun qegħda tiġi emendata mingħajr ma din titressaq qddiem il-Parlamenti nazzjonali u, fejn il-memnbri parlamentari m'humiex arroganti, anki quddiem iċ-ċittadini tagħhom biex jaraw jekk jaqblux permezz ta' referendum.

Huwa veru li din is-setgħa tkun qegħda tingħata permezz ta' din l-istess Kostituzzjoni, imma kif ġbidna l-attenzjoni tagħkom ukoll, dawn l-affarijiet jinħbew qalb Artikoli fejn wieħed ma tantx jagħti kashom ħalli jekk jista' jkun jibqgħu għaddejjin.

Huwa għalhekk li għedna u sejjaħna dan bħala qerq mill-mexxejja arroganti federalisti ta' l-Unjoni Ewropea. Issa għandkom l-akbar prova tal-qerq tagħhom.

Kif ukoll għandkom prova ta' kemm għandhom qalbhom ħadra, xierfa u mingħajr kuxjenza u wiċċhom mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija.

**ARTIKOLU IV-444**
**Proċedura ta' revizjoni simplifikata**

**1. Fejn il-Parti III tipprovdi li l-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu f'qasam jew każ partikolari, il-Kunsill Ewropew jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza lill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata f'dak il-qasam jew każ.**

**Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal deċiżjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.**

## Prova Oħra ta' Arroganza

Innutaw kif minkejja li issa din il-Kostituzzjoni qiegħed jintalab il-qbil tal-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri u fejn il-membri parlamentari m'humiex arroganti anki taċ-ċittadini tagħhom, din tista' tiġi emendata, jiġifieri mibdula, anki b'maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi hekk.

Dan ifisser li effettivament ikunu l-Ministri rispettivi ta' l-Istati Membri li jemendaw il-Kostituzzjoni, waqt li jekk nieħdu l-Istati Membri u kull pajjiż ieħor, l-ebda Ministru ma jista' jagħmel jew jemenda xi liġi fl-Istat Membru li jkun ġej minnhu għaliex dan jista' jsir biss mill-Parlament.

Qegħdin taraw kif ikun il-qerq tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea?

**2. Fejn il-Parti III tipprovdi biex liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej jiġu adottati mill-Kunsill skond proċedura leġislattiva speċjali, il-Kunsill Ewropew jista' jadotta deċijoni Ewropea li tippermetti biex dawk il-liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej jiġu adottati skond il-proċedura leġislattiva ordinarja.**

**Arroganza Anki fil-Proċedura**

Anki hawnhekk għandna l-istess provvedimenti u kummenti bħal dawk ta' qabel. Huwa għalhekk li kif dejjem ngħidu li qatt ma trid tafda lill-mexxejja qarrieqa ta' l-Unjoni Ewropea għaliex taħseb li tkun qiegħed tapprova li jingħataw xi ħaġa waqt li jekk toqgħod attent issib li jkunu qegħdin jingħataw ħafna aktar.

**3. Kwalunkwe inizjattiva meħuda mill-Kunsill Ewropew fuq bażi tal-paragrafu 1 jew 2 għandha tkun notifikata lill-Parlamenti nazzjonali. Jekk Parlament nazzjonali juri l-opposizzjoni tiegħu fi żmien sitt xhur mid-data ta' dik in-notifika, id-deċiżjoni Ewropea prevista fil-paragrafu 1 jew 2 m'għandhiex tiġi adottata. Fejn ma ssirx opposizzjoni bħal din, l-Kunsill Ewropew jista' jadotta d-deċiżjoni.**

